Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 168/2017**

**Appell Numru: 181/2017**

Il-Pulizija

vs

**Jurgen Zahra**

Illum, 26 ta' Settembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Jurgen Zahra, iben Domenic, imwieled Pieta' fil-11 ta' Lulju, 1990, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 360390(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ġewwa San Ġiljan nhar is-26 ta' Ġunju 2011 għall-ħabta tal-erbgħa ta' filghodu (4.00 hrs)-

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' li bi vjolenza jikkometti stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Timea Toth, wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit miħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta ta' Jurgen Zahra;

2. Bla ordni skond il-liġi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra

lil xi persuna, cioe′ lil Timea Toth, kontra l-volonta tagħha, u dan biex toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

3. Bi vjolenza ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta′ Timea Toth;

4. Uża vjolenza sabiex iġiegħel lill-istess Timea Toth tagħmel xi ħaġa kontra l-volonta tagħha;

5. Ikkaġuna feriti ta′ natura ħafifa fuq il-persuna ta′ Timea Toth;

6. Offenda l-pudur jew il-morali, b′ egħmil li sar f′ post pubbliku jew f′ post espost għall-pubbliku;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta tal-imsemmija Timea Toth u l-familja tagħha, kif ukoll għax-xhieda okulari oħra tal-prosekuzzjoni u tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta′ Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa;

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f′ każ ta′ ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x′ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta′ Marzu, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-L-ARTIKOLI 17, 23, 31, 86, 87(1)(G), 207, 209, 214, 221, 251 U 533 TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA` MALTA, SABET U DDIKJARAT LIL JURGEN ZAHRA MHUX HATI TA` L-EWWEL IMPUTAZZJONI U MINNHA LLIBERATU SKONT IL-LIGI, IZDA DDIKJARAT LIL JURGEN ZAHRA HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET L-OHRA KOLLHA KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U KKUNDANNATU KOMPLESSIVAMENT GHALL-PIENA TA` PRIGUNERIJA TA` TMINTAX-IL (18) XAHAR U MULTA TA` €1150.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, ordnat lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €110.53 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` WPS 63 Janet Zammit, is-somma ta` €453.64 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Dr. Mario Scerri, €70.50 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Brian Avellino, u €1010.67 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Dr. Marisa Cassar. Konsegwentement ordnat li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jurgen Zahra minnu pprezentat fis-7 ta' April, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li TIKKONFERMAHA fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u konsegwentement illiberatu minnha; filwaqt illi THASSAR U TIRREVOKA dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement TILLIBERAH minnhom; jew sussidjarjament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-17 ta' April, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha sabiex **tirriforma** s-sentenza appellata billi

(a) tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat ħati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu ;
(b) tikkonfermaha fejn ordnat lill-ħati iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ;
(c) tħassarha f' dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu ;

(d) tħassarha f' dik il-parti fejn erogat il-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija u multa ta' elf mija u ħamsin ewro (€ 1150) ; **u minflok**

(e) issib lill-imputat appellat ħati wkoll tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

(f) tinfliġġi kontra tiegħu il-piena komplessiva skond il-liġi relattiva għas-sejbien ta' ħtija fuq l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih;

Rat l-aggravji tal-appellanti Jurgen Zahra u cioe' :-

Illi l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umil appell mill-apprezzament tal-provi u l-piena erogata fil-konfront tieghu.

**A. Apprezzament tal-Provi**

L-ewwel aggravju tal-esponenti appellant ser ikun rigward l-apprezzament, fl-umli fehma tal-appellant,zbaljat, tal-provi tal-kaz odjern.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, korrettament, illiberat lill-esponenti appellant mill-imputazzjoni, izda sabitu hati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. It-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant kienet rigward l-arrest u s-sekwestru tal-appellant fuq il-persuna tal-*parte civile.* Illi **minn qari akkurata tad-disposizzjoni tal-ligi jirrizulta illi l-elementi tar-reat ta' arrest illegali huma tnejn. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jrid isir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata.** L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza ghalkemm dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f' dan r-reat. Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f' dan il-kuntest.

Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal l-artikolu 86 taghna a fol. 112 paragrafu 788 Vol II billi jghid:-

"*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso.*"

Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134 jghid:-

"*Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b' sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar tas-sena 1961 ipprecizat:-

*"Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace."*

Illi fil-kaz odjern dan zgur illi ma kienx il-kaz stante' illi ghalkemm kemm l-esponent u kif ukoll l-allegata vittma xehdu illi kien l-esponent illi waqqafha hdejn il-mina ta' San Giljan, dan ma jikkonsistwixxix fis-sekwestru tal-istess *parte civile*. Infatti, Timea Toth stess qalet illi meta l-aggressur qabdilha jdejha hija telqet minn fuq il-post **u irritornat lura BISS GHALIEX IDDECIDIET HI STESS ILLI TERGA' TMUR LURA SABIEX TARA ISSIBX IN-NUCCALI.**

Element iehor importanti ghall-ezistenza ta' dan ir-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija, tmienja u disghin (1998), fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andrew Bonnici**, huwa li bniedem irid jkun jittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu.

Illi ghalhekk mid-definizzjoni ta' arrest illegali johrog car illi dan ir-reat huwa ben distint u ghandu elementi differenti mir-reat ta' stupru vjolenti fuq il-persuna. Inoltre l-appellant umilment jirrileva illi tenut kont tad-definizzjoni tar-reat tal-arrest illegali u tax-xhieda moghtija mill-parte civile, ir-reat tal-arrest illegali ma jissusstix fil-kaz in kwistjoni. Il-*parte civile* ma ttihditx fil-post tal-allegat incident kontra l-

volonta' taghha u dan stante' illi hi kienet filfatt miexja go mina fl-erbgha ta' filghodu wahedha, wara lejl tixrob u tiddeverti *Paceville.*

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib lill-esponenti hati tat-tieni (2) imputazzjoni u ghaldaqstant kellu jigi liberat minnha.

Inoltre' , l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet htija wkoll tat-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni fil-konfront tal-appellant. Illi l-esponent, bir-rispett kollu, ma jistax ma jirrilevax illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-apprezzament tal-provi taghha kabret kemmxejn il-kaz stante' illi qalet li f' dan l-allegat incident l-esponenti appellant *' infexx fi swat vjolenti'* fuq il-persuna ta' Timea Toth. Illi bid-dovut rispett, dan kollu hu amplifikat u mkabbar stante' illi Toth kulma garbet kienu griehi hfief. Inoltre', ghalkemm kif gie deskritt dan l-allegat incident deher wiehed ta' natura serja, l-esponent jirrileva illi it-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjonijiet jirrelataw il-pudur. Illi mill-assjem tal-provi prodotti ma jirrizulta minn imkien illi xi hadd mill-partijiet kellu xi parti mill-genitali tieghu esposta, jew inkella inkella illi din kien hemm xi kuntatt maghha mill-parti l-ohra. Illi mill-allegat incident kulma jirrizulta hu illi Toth tqattghalha l-qalziet illi kellha fuqha, u kif ikkonfermat hi stess mid-depozizzjoni taghha quddiem l-Ewwel Qorti, l-esponent f' ebda hin ma kixef il-parti tieghu u lanqas miss il-parti taghha. Infatti, Toth ikkonfermat illi l-esponent lanqas biss hall il-buttuna tal-qalziet tieghu. Illi ghaldaqstant, la t-tielet (3), la r-raba' (4) u lanqas is-sitt (6) imputtazzjoni ma jirrizultaw. In oltre' a rigward tas-sitt (6) imputazzjoni, l-esponent lanqas jista' jinstab hati taghha, u dan tenut kont tal-fatt illi sabiex wiehed joffendi l-pudur f' post pubbliku, l-ewwel nett irid jaghmel atti fil-pubbliku. Issa kif diga' gie rilevat, l-ebda parti intima ma giet espost ghall-pubbliku, u lanqas saru xi atti intimi gol pubbliku lanqas. Ghaldaqstant, l-Onorabbli Qorti ma tistax issib lill-esponent hati ta' din l-imputazzjoni.

Barra minn hekk, l-esponent, fil-hames (5) imputazzjoni gie akkuzat illi ghamel griehi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Timea Toth. Illi bid-dovut rispett, f' dan ir-rigward ma saritx l-ahjar prova mill-prosekuzzjoni u dan stante' illi lanqas biss gie ezebit ic-certifikat mediku illi jindika li l-*parte civile* soffriet griehi hfief dakinhar tal-

allegat incident. Huwa minnu illi xehed l-espert Dr Mario Scerri, izda fl-assjem tal-provi minbarra li hemm nieqes c-certifikat mediku ta' Timea Toth, il-Prosekuzzjoni naqset milli ntharrek lit-tabib illi ezamina lil Toth gewwa l-Emergenza, sabiex jikkonferma tali certifikat bil-gurament. Illi l-oneru ta' din il-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, u sabiex issir din il-prova jehtieg illi ssir l-ahjar wahda. Issa f' dan il-kaz mhux talli c-certifikat mediku ma giex ikkonfermat b' gurament, talli **lanqas biss gie prezentat.** Illi ghaldaqstant, l-oneru tal-prova rikjest ma giez onorat u ghaldaqstant dan kellu jimmilita favur l-esponent; izda l-Ewwel Onorabbli Qorti xorta wahda ddikjaratu hati ta' din l-imputazzjoni.

Illi huma ghal dawn ir-ragunijiet illi l-esponent umilment jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti fil-kaz odjern.

**B. Piena Eccessiva**

Illi aggravju iehor tal-appellant huwa bbazat fuq il-piena erogata kontra tieghu fejn l-appellant qed jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti u cioe' dik ta' **tmintax-il xahar (18) prigunerija** hija wahda sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi.

Illi bid-dovut rispett kollu minbarra l-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel apprezzament tal-provi xieraq, meta giet sabiex tikkunsidra dwar il-piena, ikkunsidrat **biss** illi reati ta' dan it-tip ma ghandhomx ikunu accettati. L-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett kollu naqset milli tikkunsidra punt importanti **HAFNA; U CIOE' ILLI L-ESPONENTI APPELLANT, MA GHANDU L-EBDA TIP TA' PROBLEMI MAL-GUSTIZZJA.** Illi ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti semmiet fil-kunsiderazzjonijiet taghha illi l-appellant ma ghandu rekord kriminali, dan ma giex rifless fil-piena, stante' illi gie ikkundannat piena ta' prigunerija effettiva. Illi anke' kieku stess l-esponent kellu xi kundanni precedenti kellu jinghata l-opportunita' mill-Qrati illi jirriforma ruhu; AHSEB U ARA META L-APPELLANT HUWA CITTADIN IDONEJU.

Illi l-appellant, minbarra il-fatti illi seta' inghata piena inqas, u dan f' kaz ta' sejbien ta' htija, li kieku stess l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi l-esponenti appellant verament kellu jinstab hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu setghet inghatat xi forma ta' kundanna ohra fil-konfront tieghu, **aktar ekwa u gusta**. **Ghaldaqstant, il-fatt illi l-esponent gie ikkundannat ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija, hija piena eccessiva fil-konfront tieghu.**

Illi fl-umli fehma tal-esponent l-Ewwel Qorti, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Il-Qorti u l-gurisprudenza nostrana **DEJJEM** ghalmitna illi l-ewwel haga illi ma ghandha tipprova taghmel il-Qorti, meta tinstab htija, hija li tirriforma lill-hati, u timponi biss piena karcerarja meta ma jkunx hemm toroq alternattivi; **specjalment persuna b' fedina penali nettissima!!**

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli (l-appellant f' dal kaz mhux recidiv). B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li

> jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

Illi inoltre ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Terry Graham</u>**, datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn allavolja l-Qorti sabet htija tal-appellant ghall-akkuza ta' traffikar irriteniet:

> Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f' dawn il-Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 ta' April, 2000. Ovjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f' dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fissocjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta' . Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat ' a window of opportunity' . L-appellant sabha fix-xoghol. Din il

Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lillappellant jissarraf pozittivament.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant Terry Graham u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-piena erogata minn din il-Qorti fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' elf u mitt euro (€1,100) u minflok wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla.

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli**, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.

F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:**

> "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. **Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.**

Finalment, b' relevanza ghal dan l-aggravju l-appellant jirrileva illi kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Publius Said</u>** deciza fid-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u f' diversi sentenzi sussegwenti:

> l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravenzjoni (referenza ghar-reat kontravenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9 xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhalsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.

Illi l-esponent ghandu impjieg stabbli, stante' illi jahdem fil-qasam tal-kostruzzjoni, u fl-eventwalita' illi jkun inkarcerat, hu mhux talli ser jispicca f' ambjent illi ma hux maqtugh ghalih, talli ser jippregudika x-xoghol tieghu ghaliex ser jitlef ix-xoghol tieghu. Illi l-Onorabbli Qorti, hu veru li trid tipprotegi l-vittma, pero' l-Qorti trid tara wkoll illi l-akkuzat ma jispiccax f' pozizzjoni illi ser tippregudikalu hajtu ghal dejjem. L-esponent issa fil-kaz odjern, mhux talli ghandu kondotta nadifa u ghandu wkoll impjieg fiss, talli ghadu ta' eta' zghira, stante' li ghad ghandu sitta u ghoxrin sena, u meta sehh l-allegat kaz odjern l-esponenti appellant kellu biss ghoxrin (20) sena.

Illi ghaldaqstant, l-esponent umilment jissottometti illi l-piena erogata fil-konfront tieghu hija eccessiva u sproporzjonata, iktar u iktar meta l-Qrati taghna taw cans u diversi opportunitajiet ohra lill-persuni illi kellhom fedina penali kkulurita u kienu sahansitra recedivi.

Rat l-aggravji tal-appellanti Avukat Generali u cioe' :-

Illi l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita, *inter alia* għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputat mill-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontrih, nonche saħħet il-

konklużjoni tagħha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet illi ma ssibx lill-imputat appellat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni, dik ta' tentattiv ta' stupru u dan prinċipalment għas-segwenti raġunijiet :-

(i) Il-Qorti rriteniet li ma għandix dubju dwar l-element intenzjonali u x' kellu f' moħħu li jagħmel l-imputat u cioe' li ried ikollu x' jaqsam ma' Timea Toth;

(ii) Illi madanakollu l-istess Qorti rriteniet li l-element intenzjonali waħdu ma huwiex suffiċċjenti sabiex jissusisti r-reat u bil-fatti materjali li huwa laħaq għamel, l-imputat ma kienx għadu għamel att, imqar wieħed li bih ikun ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt.

Illi l-esponent jibda biex jinnota li huwa evidenti li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tagħmel distinzjoni ċara bejn l-atti preparatorji u dawk eżekuttivi għal fini tat-tentattiv ta' reat. Illi din id-distinzjoni hija waħda mportanti ferm u l-esponent jirikonoxxi li jista' jkun hemm *a very fine line* bejniethom.

Illi minn qari tad-disposizjoni tal-liġi nostrana li titratta t-tentattiv ta' reat (Artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jirriżulta li jridu jissusistu tliet elementi essenzjali li jikostitwixxu t-tentattiv ta' reat :-

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat;
2. Bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt;
3. In-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minħabba ċirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-ħati.

**Illi fir-rigward tal-ewwel element**, l-esponent jissottometti li sabiex dan jissusisti, l-intenzjoni tad-delinkwent trid tiġi manifestata permezz tal-atti preparatorji. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija –vs- Nadia Boudina***[1] ġie ritenut illi *"Bilfors irid ikun*

---

[1] Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali *per* Maġistrat illum Imħallef

*hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni speċifika li jiġi kommess delitt, b' tali mod li ma tħalli l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jiġi ikkontemplat."*

Illi l-esponent jirrileva li dan l-element ġie sodisfatt fil-każ in eżami u l-Qorti tal-Maġistrati stess fis-sentenza tagħha rriteniet illi ***"din il-Qorti ma għandhiex dubju dwar l-element intenzjonali u x' kellu f' moħħu li jagħmel l-imputat. Huwa ried li jkollu x' jaqsam ma Timea Toth."***[2] L-istess Qorti tgħid li l-***"fatti materjali jitkellmu waħedhom"***[3]. Illi għaldaqstant l-esponent ma huwiex ser jiddilunga fuq dan l-element.

Illi **fir-rigward tat-tieni element**, dak li jirrigwarda l-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt, il-Qorti tal-Maġistrati rriteniet illi *"b' dak kollu li leħaq għamel, l-imputat definittivament ma kienx għadu għamel att, imqar wieħed, li bih ikun ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt".* Illi l-esponent assolutament ma jaqbilx ma din l-enunċazzjoni li saret mill-Qorti tal-Maġistrati u huwa tal-umli fehma li l-istess Qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi.

Illi kif dejjem ġie ritenut mill-Qrati nostrana, sabiex ikun hemm ir-reat ikkunsmat tal-istupru mhux meħtieġ li jkun hemm penetrazzjoni sħiħa u l-iċken bidu ta' konnessjoni karnali hija suffiċjenti biex jissusiti r-reat. Illi għaldaqstant għandu jkun paċifiku li sabiex ikun hemm t-tentattiv tal-istupru, l-atti tal-delinkwent iridu jaslu sa stadju preċedenti għal dak tal-iċken bidu ta' konnessjoni karnali, altrimenti jkun jissusti r-reat ta' stupru kkunsmat u mhux dak tat-tentattiv !

Illi l-**Professur Mamo**[4] jgħid f' dan ir-rigward li *"We have already seen that if there is as much as a commencement of the carnal connection, the crime is completed and not merely attempted.* ***But if there are other acts committed with violence and which do not***

---

Edwina Grima datata 11 ta' Jannar 2010

[2] Enfasi miżjuda mill-esponent

[3] Enfasi miżjuda mill-esponent

[4] Notes on Criminal Law, Revised Edition 954 – 1955, p.197

***amount to a commencement of the connection itself but constitute a commencement of the execution of the crime, and are clearly directed to the carnal connection, then there will be an attempted rape".*** Illi għaldaqstant jekk l-aggressur ma jkunx għadu beda l-konnessjoni karnali iżda jkun għamel atti li juru li huma diretti sabiex ikun hemm tali konnessjoni, hemm ċertament jirriżulta t-tentattiv ta' stupru.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, senjatament id-deposizjoni tal-vittma Timea Toth jirriżulta s-segwenti *iter* ta' kif seħħew il-fatti mertu ta' dan il-każ :-

1. Il-vittma kienet miexja waħedha lejn id-dar meta l-imputat *qua* appellat waqaf bil-vettura tiegħu, ħareġ mill-vettura, resaq lejn il-vittma u ħatafha minn idha;
2. Il-vittma rnexxielha taħrab pero l-imputat segwiha, reġa' qabadha u għalqilha ħalqha sabiex ma tkunx tista' tgħajjat;
3. Il-vittma pruvat tgħajjat għall-għajnuna u pruvat tirreżisti u **l-imputat *qua* appellat beda jsawwatha b' mod goff;**
4. **L-appellat sfurzaha sabiex toqgħod mal-art (fi kliem il-vittma "he forced me to the ground"), tela' fuqha ("he was over me"), u beda jneħħilha l-qalziet u ċarrtu fi tnejn ("it was basically in two pieces");**
5. Il-vittma tkompli twerżaq, tgħajjat u tirreżisti u pruvat taħrab iżda ma rnexxilix;
6. **Imbagħad l-appellat prova ukoll jneħħilha l-qalziet ta' taħt (fi kliem il-vittma stess "*he grabbed me the underwear and tried to take it off*");**
7. **Dan kollu waqt li l-vittma kienet qegħda tirreżisti lill-istess appellat u filwaqt li l-appellat baqa' jsawwat lill-vittma sabiex iġiegħla toqgħod għall-azzjonijiet tiegħu;**
8. **L-appellat jibda jsabbat ras Timea Toth mal-art u hija tintilef minn sensiha;**

Illi fil-fehma tal-esponent mill-fatti suesposti jirriżulta ampjament ċar li l-aggressur f' dan il-każ għamel numru ta' atti li kienu diretti sabiex ikun hemm konnessjoni karnali mal-vittma. Fil-fatt huwa diġa kien ċarrtilha l-qalziet li kienet liebsa minn fuqha u prova jneħħilha l-qalziet ta' taħt. Illi *in oltre* mill-istqarrija tal-istess appellat rilaxxata minnu nhar is-26 ta' Ġunju 2011 wara li kien prevalixxa ruħu mid-dritt tal-assistenza legali, jirriżulta ukoll li huwa kien laħaq ukoll ħall l-buttuna tal-qalziet

tiegħu u meta mistoqsi jekk il-parti tiegħu kienx ħariġha barra, jgħid *"naħseb li ħriġtha, m' għandix idea, insejt".* Illi dawn l-atti kollha ċertament jikostitwixxu l-bidu tal-esekuzzjoni tal-delitt.

Illi **fir-rigward tat-tielet element**, l-esponent jirrileva li mill-atti proċesswali jirriżulta ampjament ippruvat li l-imputat *qua* appellat ma kellux suċċess fl-intenzjoni kriminuża tiegħu, u cioe' dik li jkollu x' jaqsam ta' Timea Toth, għaliex ġie sfrattat mill-eżekuzzjoni tad-delitt minn xi ħaġa indipendenti mill-volonta tiegħu. Illi l-Qorti tal-Maġistrati stess fis-sentenza tagħha tirritjeni li l-imputat kien ħarab minn fuq il-post x' ħin waqfu xi persuni li nzertaw li kienu għaddejjin minn hemm u li raw parti minn din l-aggressjoni isseħħ. Illi dan indubjament jikostitwixxi fatt indipendenti mill-volonta tal-imputat *qua* appellant li kif irriteniet il-Qorti tal-Maġistrati stess "ried li jkollu x' jaqsam ma Timea Toth" !

Illi għaldaqstant bid-dovut rispett, fil-qafas tal-provi prodotti u ta' l-argumentazzjonijiet hawn fuq riportati, dik l-Onorabbli Qorti kellha ssib ukoll htija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Quddiem l-Ewwel Qorti gew ipprezentati l-istqarrija tal-imputat datata is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) u l-*Current Incident Report* bhala Dok JZ1 u Dok JZ2 mill-Ispetturi Graziella Muscat u Malcolm Bondin li qraw l-akkuza bil-gurament fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011).

Fis-seduta tal-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) gie ipprezentat il-process verbal bhala dokument numru 1.

Fl-istess seduta xehdet **Timea Toth** bl-Ungeriz, liema xhieda giet tradotta fil-lingwa Ingliza. Spjegat li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) marret Paceville ma shabha '*to party*', kien is-Sibt filghaxija u marru f'wiehed mill-bars f'Paceville mal-hbieb. Telqet minn Paceville ghal habta tat-tlieta ta' filghodu jew l-erbgha ta' filghodu u kienet miexja ghad-dar f'San Gwann. Ghalhekk kien is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju u ghaddiet mill-main road mit-tunnels ta' San Gwann. Kienet nofs triq bejn Paceville u d-dar u kienet ghaddiet it-tunnel, l-ewwel tunnel wara Paceville ghal San Gwann. Kienet nofs triq fit-tunnel u nnutat karozza riesqa u tnaqqas. Ma tiftakarx il-kulur tal-karozza. Bdiet timxi aktar mghaggla ghax kienet koncernata li l-karozza bdiet tnaqqas u ma harsitx lejn il-karozza. F'punt minnhom il-karozza waqfet hdejha u d-driver beda jkellimha u saqsiha xi haga u ma fehmitx. Harset darba lejn il-persuna u baqghet miexja barra t-tunnel. Peress li l-karozza giet mid-direzzjoni opposta, meta bdiet miexja, il-karozza bdiet tirriversja, waqaf, hareg mill-karozza u beda riesaq lejha. Spjegat li '*He grabbed my hand and then I saw his face and tried to get away. I managed to get away after I was holding and then when I was free I started to run away. I ran out of the tunnel.*'

Sjegat li meta kienet miexja fit-tunnel, il-karozzi bdew gejjien minn faccata. Ikkonfermat li kienet hierga l-barra u kienet sejra lejn il-lemin. Spjegat li '*I ran out of the tunnel and turned right and there is the playground, Naxxar, I stopped at the corner taking some breath and I was happy that I escaped and I was crying and then I noticed that I left my glasses. I was waiting there and taking a deep breath and then I noticed that at the other side of the road a car stopped. He left the car open and he left the lights on. Since I have no glasses and I couldn't see and I was crying for someone to help me maybe. Then he grabbed me again from behind and he holds my mouth to avoid screaming and he was holding me very tied and I couldn't move because he was very powerful. I tried to scream at one point and I couldn't manage to scream and I tried to fight back. At one point before this, he was holding me from the back and at one point I manage to turn around and I could see his face again. He was holding me very strongly and started to beat me badly.*' Spjegat li '*Everything was so quick and the only thing that I remember was that I tried to fight back*

*and I was hit many places and many times, not just once.*' Spjegat li '*I was screaming and the more I screamed, the more he hits me on the face.*' Spjegat li '*He hits her on the face and on the head. He forced me to the ground and started to take off my trousers.*' Spjegat li '*He was over me, opened the button and the zipper, I tried to fight and somewhere I turned around and tried to get away again on the ground. In the mean time he was grabbing my trouser and there is the point where my trouser was damaged actually.*'

Spjegat li '*It was basically in two piees. I continue screaming and tried to escape on the ground and then he grabbed me the underwear and tried to take it off.*' Mistoqsija liema parti ta' hwejjeg ta' taht wiegbet '*The panties. Then somehow he was over me again and I tried to get up from the ground and he continued to push me back and grabbed my head and putting my head to the floor many times. I was beaten everywhere the chest, the head, everywhere.*' Mistoqsija jekk tiftakarx kelliex marki jew griehi, wiegeet li kellha hafna u li huma dokumentati fir-rapport mediku. Spjegat li '*The last thing that I really remember is that he was over me and I saw his face and I lost my consciousness. Next thing that I clearly remember is being in the Ambulance.*'

Spjegat li l-qalziet kien f'bictejn, kien damaged. L-unika haga li kellha fuqha kien il-'*paints*'. Mistoqsija jekk nehhiliex il-hwejjeg ta' taht wiegbet li '*At one point he grabbed it off but I managed to put it back.*' Spjegat li '*When I was attacked near the playground, he kept me very close and it was very intimate.*' Ikkonfermat li l-aggressur baqa bil-hwejjeg kollha f'kull hin. Spjegat li '*I remember many things and I mentioned previously and then at one point when I was hit by the aggressor and I lost consciousness after the whole that that I have just described. So I remember many things but at one point I lost my consciousness and I remember being in the Ambulance.*' Mistoqsija '*Does she remember the agressor leaning her ?*' wiegbet le. Qalet li hija mija u hamsin (150) centeimtru u hamsin (50) kilo. Ghandha erbgha u ghoxrin (24) sena u giet Malta biex tahdem izda ma ghadiex tahdem f'Malta wara l-attakk. Mistoqsija liema parti minn gisimha mess wiegbet '*he hit me from the back and hold me to force me down, he touched my breast, this is what I clearly remember.*' Hi gharfet l-imputat fl-awla. Spjegat li kienet imbezza hafna.

In kontro-ezami qalet li se titlaq minn Malta kemm jista' jkun malajr. Diga ghandha biljett ghall-ghada. Ma xammitx riha ta' alcohol meta kienet vicin l-imputat. L-

ewwel naqqas il-karozza vicin taghha, prova jkellimha u hi ma fehimtiuex. Tiftakar li kien volum gholi u ma fehmitx x'kienet il-mistoqsija. Ikkonfermat li kienet ma shabha f'Paceville, telqet u shaba bagqhu hemm. Spjegat li t-tunnel kien vojt ma kienx hemm aktar nies. Kienet diga qieghda tibza ghax bdiet tigri l'hemm. Indikat li l-aggressur ghalqilha halqa b'idejh il-lemin u b'idejh ix-xellug kien ma' qghadda jew ma sidirha. Xehdet li tahdem ghal agenzija tal-ivvjagar. Il-professjoni fl-Ungerija hija ta' bar mixer u tahdem bil-lejl. Qatt ma kellha rapport mal-pulizija fejn kienet involuta bhala vittma.

Ma tafx il-hin li kienet l-isptar, kienet imbezza u ixxukjata. Meta telqet mill-Isptar, kien sebah, fi kliem l-interpretu '*the sun came up*.' Kienet rilaxxata f'nofs in-nhar u marret ghand il-Pulizija. Ikkonfermat li meta qabadha minn darha kien il-hin li zamma arrestata.

L-**Ispettur Graziella Muscat** xehdet fis-seduta tal-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn spjegat li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju ta din is-sena fis-sitta ta' filghodu (6:00am) cemplilha l-Ispettur Malcolm Bondin u qalilha li filghodu kmieni dak in-nhar deher li kien hemm vittma ta' stupru jew attentat ta' stupru. Din il-vittma kienet l-Isptar Mater Dei sabiex isirilha t-testijiet necessarija u kellha tinfetah inkjesta. Infurmat lil Magistrat tal-Ghassa li kien il-Magistrat Dr. Micallef Trigona b'dak li kien gara u fetah inkjesta. Huwa hatar il-Marisa Cassar bhala serjologista, Dr Mario Scerri bhala tabib forensiku, il-gyneacologist Montanaro Gauci tal-Isptar Mater Dei u lis-Surgent Janette bhala fotografija. Gew infurmati dak in-nhar li kien hemm xhieda li gharfu l-vettura, in-number plate tal-imputat li gharfet fl-awla u gie arrestat mill-Pulizija ta' San Giljan. Il-vittma Timea Toth kienet ga tat il-verzjoni lil Pulizija u hi dahlet mal-Ispettur Malcolm Bondin fl-investigazzjoni jigifieri ma kinitx kompletament involuta mill-bidu. Din kienet qalet li ghal habta tal-4:00am jew 5:00am wara li kienet qieghda tiddeverti gewwa Paceville, telqet bil-miexi lejn id-dar ghax hija toqghod Malta ghax tahdem hawn Malta u sakemm kienet mixja lejn id-dar ghaddiet vettura minn hdejha, irriversja u qabadha u kaxkarha ghal taht l-pont ta' San Giljan. Qaltilhom li prova jaghmel sess maghha b'kull mod possibli pero' bqaghet tiggielidlu. Sostniet illi huwa kien b'sahtu hafna ghaliha, qaltilhom li beda

b'sahha rasha mal-art, beda jghtiha daqqiet ta' ponn go wiccha, infatti meta kelmitha kellha ghajnejha u haddejha vjola. Beda jqattalha hwejjigha pero hi ma kinitx tiftakar certu dettalji, ma tiftakarx jekk kienx mess il-parti privata taghha u affarijiet bhal dawn ghax qaltilha li wara li beda jhabbtilha rasha mal-art intilfet minn sensija. Saqsietha x'kienet xorbot u qalet li xi ftit cocktials biss pero' baqghet isostni li ma tantx tiftakar dettalji. Kellmitha ftit wara l-incident, kienet taf li ser titla tixhed allura ma dahlitx f'wisq dettal ghaliex kienet wisq anzjuza biex titfakar certu dettalji jew ma riditx tiftakarhom. Id-dikjarazzjoni taghha haduha hi u l-Ispettur Bondin dak in-nhar stess ghal habta ta' 2:40pm. Dak in-nhar stess kelmu lill-imputat is-Sur Jurgen Zahra fejn dan wara li nghata s-solita twissija u wara li tkellem u kkonsulta avukat tieghu, Dr Kris Busietta, ammetta dak li kien gara, l-istqarrija giet esebita pero' qalilha li dak in-nhar kien ilu lejl jixrob, kien hemm xi attivita' tal-partit Laburista, kien xorob, tela' Paceville ma' shabu u mbaghad telaq minn hemmhekk. Qalilhom ukoll illi wara li telaq minn Paceville ghabba xi zewg tfajliet barranin fejn kienu miftemin li se jaqtaghhom sa tas-Sliema pero' bi zball kien mar l-Imsida. Imbaghad qalilhom li wara rega' tela' lura Paceville ghal siehbu u kien hemm din it-tfajla, niezel ghaliha mill-karozza u aggrediha, tghid li ghalhekk hemm ammissjoni fl-istqarrija. Dak in-nhar kienet staqsietu jekk in-number plate tieghu hux FAW-461 u qalilha li jidhirlu li iva. Meta staqsietu jekk jiftakarx mess il-partijiet intimati tieghu ma' taghha, qal jista' jkun meta kienu mal-art fuq xulxin pero' ma jiftakarx certu dettalji. Meta staqsietu l-kulur tal-panty taghha, kien qal li kien ta' kulur abjad u minghalih li nezzahulha l-panty. Huwa qal li l-qalziet tieghu kul ma lehaq nehha l-buttuna biss u ma jiftakarx jekk harigtx il-parti tieghu barra. Kellu girfa fuq imniehru u kkonferma li ghamlitha l-vittma fl-aggressjoni. Regghet staqsietu dwar dawk iz-zewg tfajliet li ghabba qabel x'kienet l-intenzjoni tieghu imma qalilha illi l-intenzjoni tieghu kienet li jwassalhom biss. Tghid li ghandha zewg rapporti ghal zewg incidenti. Zewg incidenti ghax iz-zewg tfajliet li semmew ghamlu rapport ghax rikkibhom l-imputat u qabzulu mill-karozza ghax hasbu li ghandu intenzjoni hazina. Esebiet bhala dokument 2 l-okkorrenza ta' Timea Toth, certifikat tat-twelid u l-fedina penali tal-imputat.

Mistoqsija kif waslu ghall-imputat qalet li wara l-aggressjoni l-pulizija gew infurmati minn telefonata minn xi girien li semghu hafna ghajjat ta' din it-tfajla u gew infurmati l-pulizija pero' sakemm nizlu l-pulizija fuq il-post, kien hemm erba' (4) pajzana ohra ta' nazzjonalita' barranija. Tkellmu ma wahda minnhom, dawn kienu ghaddejin bil-vettura. Marie Chrstine li hija Germaniza qaltilhom li hi u tlett shaba ohra kienu ghaddejin bil-karozza, semghu lil din it-tfajla twerzaq u tiggieled ghax kien hemm ragel qed jistupra, qalet dan kif nizlu huma bdew jghajjtu kemm jifilhu u saq minn fuq il-post u n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura kienet FAW-461 u ghalhekk waslu ghall-imputat. Qalu li cemplu lil pulziija u l-pulzija qalulhom li qeghda on the way ghax kienu diga infurmati.

In kontro-ezami kkonfermat li kkonsulta u kellem lil Dr Kris Busietta. Ma tafx jekk fuq it-telefone jew gie personalment Dr Busietta. Qalet li jekk mhux sejra zball hi stess kelmet lil Dr Kris Busietta u qaltlu biex jitla' l-Qorti u qalilha li ma jistax jitla. Ma tafx jekk qaliliex il-kuntistabbli jew hu.

Il-Current Incident Report a fol 52 et sequitur u mmarkat bhala Dok 2 jipprovdi li '*Today 26 th June 2011 at about 04:00am Police were informed that in Birkirkara Rd. san Giljan in the vicinitoes of Cubana Bar, a person had just been attacked.*

*Police reparred immediately on site and found Timea Toth in a panic state bearring some injuries on her face and with her jeans all thorn, she couldn't express herself due to the state she was in. Police also found (Pfr) Maria who stated the following version of facts: She was passing along the mentioned street on a vehicle together with a certain Gabriel when they heard screams and shouts coming from the area of the the square. Pfr stated that they decided to turn back to check out what' s going on. They returned back and saw a female person struggling to defend herself from a male person who was violently hitting her and restraining her from moving whilst attempting to rape her. When they saw this, thet started shouting in order to make the intruder stop and when he saw that people were looking at him, he fled the scene by use of a vehicle. Pfs managed to take note of the vehicle registration number that is FAW-461.*

*Timea (Victim) was taken to hospital by an ambulance and assisted by emergency staff.*

*Divisional police checked out the VRN and the vehicle turned out to be a Blue Mitsubishi that belongs to a certain Renald Barbara id: 129981m that was detained shortly after withn the help of Mobile Police. Renald stated that he had sold the vehicle to Pajsu Garage and has nothing to do with this case. He was released immediately after that.*

*Insp M. Bondin was informed about the case.*
*Report follows.'*

L-**Ispettur Malcolm Bondin** xehed fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn gie muri l-istqarrija ta' Jurgen Zahra rilaxxata fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal habta tal-12:15pm li tinsab a fol 4 et sequitur tal-process immarkat bhala dokument JZ1. Gharaf il-firma tieghu u kkonferma li l-Ispettur Graziella Muscat kienet tat it-twissija lis-Sur Zahra li dak kollox li se jghid jista' jitnizzel bil-miktub u jingieb bhala prova. Qabel ma saret l-istqarrija apparti l-investigazzjoni li ghamlu hu u Graziella flimkien, hu kien l-ewwel persuna li kellem lis-Sur Jurgen Zahra li gharaf fl-awla. Kien fehmu fuq xiex se jigi mitkellem gewwa l-kwartieri tal-pulizija gewwa d-Depot. Ghal bidu ma kienx qed jikkopera u qallu li ma ghandux x'jaqsam, biss wara li fehmu l-bicca fuq xiex hi u li ghandu dritt ghal avukat, kien niezel icempel lill-Avukat u wara li telgha minn isfel u kien ha l-parir legali, kien telgha u ddecieda li jikkopera maghhom. Kien ammetta l-involviment tieghu kif imnizzel fl-istqarrija. Kien taghhom kont dettaljat ta' x'kien gara u ma garax mas-Sinjura Timea Toth.

**Dr Marisa Cassar** xehdet fl-erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qalet li b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti Dr Antonio Micallef Trigona tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) giet mahtura bhala espert biex tara l-prezennza ta' demm u ta' acid phoisphatase u analizi ta' DNA. Bhala konkluzjoni acid phoisphatase jigifieri sustanza li tindika s-sustanza tal-presence seminali ma kien hemm imkien. Kien hemm il-prezenza ta' demm fuq il-qmis ta' Jurgen Zahra u fuq flokk kafelatte, qalziet ta' taht u jeans ta' Timea Toth. Bhala DNA profiles fuq il-qmis ta' Jurgen Zahra kien hemm profil imhallat u mill-istatistika johrog illi l-profil genetiku huwa ta' Jurgen Zahra imhallat ma' Timea Toth, l-

istatistika huwa 1 x 1:18 jigifieri 'quit strong.' Esebiet ir-relazzjoni taghha bhala dokument numru 5 u xehdet li qieghda tirritorna l-ezebiti wkoll.

**WPS 110 Maria Scicluna** xehdet fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011). Fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2011) ghal habta tal-4:00am kienet qieghda xoghol l-Ghassa ta' San Giljan fejn infurmawha mill-control room li kien ghadu kemm kien hemm persuna maskili u kienet ghadha kemm attakat persuna femminili gewwa Triq Birkirkara San Giljan, kemm kemm iktar 'l fuq minn Kubana Bar. Telqu jigru fuq il-post immedjatament fejn sabu tlett zaghzagh li kienu bil-karozza taghhom. It-tfajla wara rrizulta li kienet Timea Toth ta' nazzjonalita' Ungeriza u tahdem Malta. Kienet isterika, tghajjat u twerzaq, tibki u kellha l-hwejjeg imqattghin, kellha l-jeans jigifieri mcarrat u kellha hafna daqqiet f'wiccha. Tibki u twerzaq u ma setghux jifhmu xi bdiet tghidilhom. Peress li qalilha li '*he tried to rape me*' haditha ghaliha biex tkellimha wahedha ghax kien hemm pulizija ohra irgiel. Bdiet tghidilha li kienet miexja lura minn Paceville u kemm kemm izjed 'l fuq mill-Kubana hasset lil xi hadd gej warajha, hatafa, tefaha mal-art, beda jaghtiha bil-ponn fuq wiccha u hi kull darba tahrab u hu jigbidha mill-jeans. Bdiet tghidilha li tilfet in-nuccala u ma setghetx tara u bdew ifittxu biex jaraw fejn hu n-nuccali pero' ma setghux isibuh imkien fid-dlam. Dawn ix-xhieda li kien hemm, tlett baranin li jahdmu Malta, wahda minnhom Marie Smolka mill-Germanja u tghix is-Swieqi qaltilha li huma kienu ghaddejin bil-karozza jigifieri direzzjoni lejn ta' Giorni, fejn semghu twerzieq u ghajjat ta' tfajla, regghu dawru taht il-bridge u minn bejn il-karozzi jaraw lil dan il-guvni qieghed fuq din it-tfajla u din qed twerzaq. Nizlu jigru mill-karozza, bdew jghajjtu ma' dan ir-ragel maskili biex jitlaq. Telaq u dahal f'karozza Misubish Pajero u harab u lehqu hadulu n-numru ta' registrazzjoni tal-karozza li kien FAW-461. Hadet lil din it-tfajla l-ghassa, cemplet l-ambulanza u pruvaw jikkalmawha. Qabdet lil pulizija tal-mobile ghax l-indirizz ta' din il-karozza kien jirrizulta li kien ta' certu Renald Barbara mir-Rabat, dan kienu xi 4:30 am. Marru fir-residenza tieghu u habtulu u qalilhom li kien ghadu kemm biegha lil certu Parzu Garaxx li jekk mhux sejra zball qieghed iz-Zejtun. Ma kellhomx telephone number ta' din il-persuna ghax kien kmieni fil-ghodu pero' mbaghad dahlet ir-rapport, giet l-Ambulanza u hadet is-Sinjorina l-isptar u komplew tas-shift ta' warajha. Dan wara li

dahlet ghax-xoghol irrizulta li l-Parzu garazz kien biegha lil xi hadd Zahra u x'hin ikkuntatjaw lil Zahra, il-missier qal li kienet ghand it-tifel iz-zghir tieghu Jurgen Zahra. Komplew l-investigazzjonijiet u gie arrestat Jurgen Zahra.

**WPC 317 Elisha Mamo** xehdet fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qalet li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) x'hin dahlet ghal first watch fil-4:44am tawhom hand over li kien hemm tfajla l-isptar li giet attakatata waqt li kienet miexja gewwa San Giljan. Flimkien mas-Sur Baldacchino minhabba li kienet l-unika mara ordnata hemmhekk, marru l-isptar fejn sabu lil din it-tfajla. Kellha l-jeans imqatta u kellha xi daqqiet f'wiccha. Din qaltilhom li waqt li kienet miexja gewwa Triq Birkirkara San Giljan, kien hemm persuna ragel li attakkaha. Beda jaghtiha fuq rasha u prova jirrepjaha. Baqghet hemm maghha l-isptar bhala fixed point u gew tal-Vice Squad aktar tard.

**PC 782 Sean Scicluna** xehed fis-seduta tat-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-erbgha ta' filghodu (4:00am) kien xoghol l-Ghassa San Giljan meta flimkien mas-Surgent WPS 110 gew infurmati li kien hemm xi incident fl-inhawi ta' Kubana bar, San Gwann. Marru fuq il-post u sabu persuna femminili li kienet giet aggredita. Mar fuq il-post peress li kien incident allegat rape, halla lis-Surgent tkellem lil vittma u kien hemm xi persuni li kienu raw l-incident, li nehhihom minn hdejn il-vittma u zammhom ftit 'l boghod halli s-Surgent tkun tista' tkellimha wahedha privatament. Dawn in-nies li raw dan l-incident qalulhom li kien hemm persuna maskili li kienet qed tagredixxi persuna ohra femminili bl-isem ta' Timea Toth ta' nazzjonalita' Ungeriza. Qalulhom li kienu ghaddejin bil-karozza, semghu l-ghajjat u huma dawru lura biex jaghtuha l-ghajnuna u kif ghamlu hekk il-persuna maskili harab minn fuq il-post b'vettura li hadulha n-numru taghha tar-registrazzjoni u minn hemmhekk kompliet l-investigazzjoni minn naha tas-Surgent. Qalulhom l-persuni li raw l-incident, in-numru ta' registrazzjoni kien FAW-461. Fl-awla ma gharaf lil hadd li kien fuq il-post dakinhar.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **Dr Mario Scerri** li qal li b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti Dr Antonio Micallef Trigona kien gie mahtur bhala espert medico legali biex jirrelata dwar allegat abbuz sesswali fuq Timea Toth. Ezamina lil Timea Toth, ezamina lill-allegat agressur Jurgen Zahra, lit-tnejn sabilhom lezjonijiet friski. Allegat li prova jkollu x'jaqsam maghha. Fil-parti genitali taghha ma kienx evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata pero' kien hemm evidenza ta' agressjoni fuq it-tnejn li huma. Kien hemm daqqiet, tbengil, grif, jigifieri hija giet aggredida u probabilment ddefendiet ruhha u huwa gie aggrediet ukoll ghax kellu l-istess grif u daqqiet. Ma kien hemm xejn fuq il-parti genitali tal-partijiet. Esebixxa r-relazzjoni tieghu bhala dokument numru 6. Qal li l-hwejjeg ta' Timea Toth kienu imcartin minn fuqha. Meta jezaminaw il-parti genetali biex jezaminaw pazjenta darba, hu jezaminaha di punto di vista medico legali u mieghu jkun hemm il-gynaecologist biex tezamina mill-punto di vista ta' gynaecologist fis-sens jekk ikollha xi infezzjonijeit titrattha u tiehu xi testijiet. Ix-xoghol kongunt.

**WPS 63 Jeanette Zammit** xehdet fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) li qalet li b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti Dr Antonio Micallef Trigona tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) giet mahtura fotografu biex tigbed ir-ritratti tal-allegat vittma. Esebit dokument numru 7 ir-relazzjoni fotografika taghha.

**Marie Cristina Smolka** xehdet bil-lingwa Ingliza fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012). Xehdet li ma tiftakarx id-data, izda tahseb li kien Lulju. Kienet mal-habiba fi triqtha lejn id-dar, kienu qeghdin ifittxu parking u habibtha qaltilha '*Maria, there is someone raping a girl on the pavement*' u staqsietha jekk certa. Regghu daru biex jiccekjaw, fethu t-tieqa ftit u staqqsiet '*everything is ok?*' Spjegat li '*Then a guy jumped to his car and drove away. I saw the number plate and wrote it down and then we got out of the car and check that the girl is ok and wanted to call the Police but they have already arrived. Someone else called the police. She was in a really bad condition, she was like beaten up, her trousers, her leggings ere totally ripped off and she was crying.*' Issa ma tiftakarx in-number plate izda taghtu lil Pulizija. Il-post kien vicin il-

bridge lejn San Gwann, taht il-bridge, li titlaq mit-tunnels direzzjoni l-Belt Valletta. Hi ma taghrafx lil dan ir-ragel.

L-**Ispettur Saviour Baldacchino** xehed fis-seduta tat-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn qal li dak iz-zmien tal-incident li gara hu kien ghadu Surgent bin-numru PS 396. Gie muri dokument numru 2 li huwa r-rapport li jinsab a fol 52 et sequitur tal-process. Huwa gharaf id-dokument bhala r-rapport li kien dahhal fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn hu kien Surgent l-Ghassa San Giljan. Kien ha hand over minghand WPS 110 li kienet marret fuq il-post u li kienet bdiet ir-rapport hi. L-involviment tieghu kien li wara li ha l-hand over nizzel ir-rapport u iktar tard mar jiltaqa mal-vittma li kienet Timea Toth. Kien kellimha lil Timea Toth pero' kienet traumatizzata u kienet l-isptar pero' hi ma kinitx stqarret xejn mieghu, ma kienet qalet xejn. Kienu maghha biex jigwidawha fejn kellha tmur. Kellu policewoman. Dak kien l-involviment tieghu fil-kaz.

**Brian Avellino** xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn esebixxa bhala dokument numru 8 it-traduzzjoni dwar ix-xhieda tat-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011).[5]

**Dr Michelle Montanaro Gauci** xehdet fit-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) li qalet li tahdem bhala residence specialist Gynaecologist, l-Isptar Mater Dei. Fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) kienet *on duty* bhala residence specialist u ezaminat lil Timea Toth. Kellha xi griehi li kienu gja ezaminawhom it-tobba l-ohra, hi ezaminatha mill-att genekologiku, ezaminatha minn barra u minn gewwa. Ma sabitilha xejn partikolari, ma kien hemm l-ebda sinjal ta' vjolenza, la fuq barra u lanqas fuq gewwa, ma kienx hemm tbengil jew grif jew ticrit. Li kellha dak inhar minn gurnata qabel kienet bil-period allura kien hemm xi naqra bleeding tad-demm pero' dan id-demm kien gej mill-utru, mill-ghonq tal-utru, kienet bil-perod. Ma ratilha xejn, ma kinitx mara vergni, kienet mara ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, ma sabitilha xejn. Imbaghad komplew bit-testijiet li joffru s-solitu.

---

[5] Jirrizulta li ix-xhieda hija datata l-11 ta' Lulju, 2011 hija ta' Timea Toth.

Dejjem jigbru is-samples tal-forensika u l-forensika u gabru s-samples tas-solitu, is-swabs li jkollhom bzonn huma. Imbaghad minn naha taghhom tal-isptar jiehdu testijiet ohrajn, jiccekja ghal infections u hekk. Gabru dawk is-samples wkoll u mbaghad joffru testijiet tad-demm biex jiccekjaw ghal infections li jistghu jittiehdu mis-sess ghax dan kien allegat stupru. Xehdet li huma affarijei ta' rutina, jaghmlu test tat-tqala fuq il-pipi. Il-pazjenta allegat li kienu attawkawha fizikament u li kien hemm kaz li allegatament keient giet raped. Qalet sew lil Dr Scerri u mbaghad lilha meta dahlet fil-kamra tal-Gynea Assessment illi r-ragel sawwatha u waddabha mal-art fejn laqtet rasha, baqa' jaghtiha fuq wiccha, qactilha l-hwejjeg u mbaghad ma tiftakarx iktar x'gara ghax tahseb li ntilfet minn sensiha, dak li allegat hi u mbaghad ipprocediet biex tezaminaha.

F'partijiet ohra ta' gisimha kellha tbengila hdejn ghajnejha, xi haga fuq il-minkeb u rkuptejha, left elbow u dawk id-dokumentazzjoni taghhom qieghda l-emergenza u ghand Mario Sceri pero' kien hemm feriti f'postijiet ohra imma mhux fejn ezaminatha hi.

Stante bdil fil-Magistrat sedenti fil-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, id-difiza u l-prosekuzzjoni ezentaw lil Qorti mis-smiegh mill-gdid tal-provi kif u gja prodotti.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed Brian Avellino[6] u esebixxa Dok BA u cioe' ix-xhieda ta' Maria Cristina Smolka tradotta bil-Malti.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

[6] Dan skont ma jirrizulta mill-verbal stante li x-xhieda ta' Brian Avellino tat-13 ta' Mejju, 2014 mhijiex traskritta fl-atti.

1. Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal habta tat-tlieta (3:00am) jew l-erbgha' ta' filghodu (4:00am), Timea Toth telqet minn Paceville u kienet miexja lejn id-direzzjoni ta' San Gwann  meta vettura naqset il-velocita' u x-xufier hareg mill-vettura u mar jigri warajha;

2. Illi Timea Toth irnexxielha tahrab izda ftit wara dan il-guvni rega qabadha, aggrediha billi taghha diversi daqqiet, nizzilha mal-art, tela' fuqha u anke qattalha l-qalziet li kienet liebsa;

3. Skont din Timea Toth, l-aggressur prova jnezzalha l-qalziet ta' taht izda hi regghet tellghet il-qalziet ta' taht u kien anke mess sidirha;

4. Jirrizulta li l-Pulizija gew infurmati li kien hemm persuna li qieghda tigi attakata. Jirrizulta ukoll li meta certu Marie Christin Smolka u persuni ohra kienu ghaddejjin fil-karozza, habibtha qaltilha '*Maria, there is someone raping a girl on the pavement*', huma irnexxielhom igerxu l-aggressur  billi din Marie Christin Smolka staqsiet '*everything is ok*?'[7] u l-aggressur sussegwentment telaq minn fuq il-post b'vettura;

5. Permezz ta' numru ta' registrazzjoni ta' vettura u wara investigazzjoni, il-Pulizija irnexxilhom jintraccaw lill-aggressur u cioe' lill-imputat;

6. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Mis-sentenza tal-Ewwel Qorti appellaw kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali. Din il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra l-appell tal-Avukat Generali. L-Avukat Generali ssottometta li l-Qorti tal-Magistrati ddecidiet li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni, dik ta' tentattiv ta' stupru u dan principalment ghas-segwenti ragunijiet: Il-Qorti rriteniet li ma ghandhiex dubju dwar l-element intenzjonali u x'kellu f'mohhu li jaghmel l-imputat u cioe' li ried li jkollu jaqsam ma' Timea Toth. Il-Qorti izda rriteniet li l-element intenzjonali wahdu ma huwiex sufficjenti sabiex jissusisti r-reat u bil-fatti materjali li huwa lahaq ghamel, l-imputat

[7] Skont ix-xhieda ta' Marie Cristina Smolka moghtija fid-29 ta' Frar, 2012

ma kienx ghadu ghamel att, imqar wiehed li bih ikun ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt. L-Avukat Generali jissottometti li l-Qorti naqset milli taghmel distinzjoni cara bejn l-atti preparatorji u dawk ezekuttivi ghal fini tat-tentattiv ta' reat. Din id-distinzjoni hija importanti ferm u l-Avukat Generali jirrikonoxxi li jista' jkun hemm '*a very fine line*' bejniethom. Jissottometti li jridu jissusistu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu t-tentattiv ta' reat u cioe' atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat, il-bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt u in-nuqqaas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Dwar l-ewwel element jissottometti li l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz tal-atti preparatorji. Dwar dan l-ewwel element, jissottometti li dan gie sodisfatt peress li l-Qorti rriteniet li '*din il-Qorti ma għandhiex dubju dwar l-element intenzjonali u x'kellu f'moħħu li jagħmel l-imputat. Huwa ried li jkollu x'jaqsam ma Timea Toth.*' L-istess Qorti tghid li l-'*fatti materjali jitkellmu waħedhom.*'

Dwar it-tieni element li jirrigwarda l-bidu tal-ezekuzzjoni tad-delitt, il-Qorti tal-Magistrati rriteniet li '*b'dak kollu li leħaq għamel, l-imputat definittivament ma kienx għadu għamel att, imqar wieħed, li bih ikun ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt.*' L-Avukat Generali ma jaqbilx ma' dan u jissottomettli li l-Qorti ghamlet interpretazzzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi. Jissottometti li kif dejjem gie ritenut mill-Qrati, sabiex ikun hemm ir-reat ikkunsmat tal-istupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissusisti r-reat. Ghalhekk l-atti tal-delinkwent iridu jaslu sa stadju precedenti ghal dak tal-icken bidu ta' konnessjoni karnali, altrimenti ikun jissusisti r-reat ta' stupru kkunsmat u mhux dak tat-tentattiv. L-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-insenjament tal-Professur Mamo u jissottometti li jekk l-aggressur ma jkunx ghadu beda l-konnessjoni karnali izda jkun ghamel atti li juru li huma diretti sabiex ikun hemm tali konnessjoni, hemm certament jirrizulta t-tentattiv ta' stupru. Skont l-appellant Avukat Generali l-imputat kien diga ghamel numru ta' atti li kienu diretti sabiex ikun hemm konnessjoni karnali mal-vittma. Fil-fatt huwa diga kien cartilha l-qalziet li kienet liebsa minn fuqha u prova jnehhilha l-qalziet ta' taht. L-impuat fl-istqarrija meta mistoqsi jekk il-parti tieghu kienx harigha barra, jghid li "*naħseb li*

*ħriġtha, m'għandix idea, insejt*.' Skont l-appellant Avukat Generali dawn l-atti kollha certament jikkostitwixxu l-bidu tal-esekuzzjoni tal-delitt.

Dwar it-tielet element, l-Avukat Generali jirrileva li mill-atti processwali jirrizulta ampjament ippruvat li l-imputat ma kellux success fl-intenzjoni kriminuza tieghu u cioe' dik li jkollu x'jaqsam ma' Timea Toth, ghaliex gie sfrattat mill-ezekuzzjoni tad-delitt minn xi haga indipendenti mill-volonta tieghu. Il-Qorti tal-Magistrati irreteniet li l-imputat kien harab minn fuq il-post x'hin waqfu xi persuni li nzertaw li kienu ghaddejin minn hemm u li raw parti minn din l-aggressjoni issehh. Dan jikkostitwixxi fatt indipendenti mill-volonta tal-imputat qua appellant li kif irriteniet il-Qorti tal-Magistrati '*ried li jkollu x'jaqsam ma Timea Toth*'. Ghalhekk l-Avukat Generali talab ir-riforma tas-sentenza appellata sabiex il-Qorti tikkonferma fejn sabet htija, u tirrevoka fejn ma sabitx htija tal-ewwel (1) imputazzjoni u minflokk issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha, thassar il-piena imposta u minflokk tinfliggi piena komplessiva skont il-ligi.

Din il-Qorti issa li tat riassunt tal-aggravju tal-Avukat Generali, sejra tghaddi sabiex tikkunsidra l-gurisprudenza dwar ir-reat ta' tentattiv ta' stupru. Sussegwentement sejra tikkunsidra jekk mill-provi, kinitx korretta l-Ewwel Qorti li ma ssibx htija tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police Inspector Elton Taliana Vs Ahmed Rasem. A Franka'**[8] gie kkunsidrat li:

'*Consequently this Court finds no reason to differ from the conclusions reached by the First Court that appellant was trying to force himself onto injured party and this with the intent to have sexual intercourse with her. This is clearly evidenced from the preparatory acts leading to the commencement of execution of the offence wherein accused was found in flagrante with his pants down and penis exposed and injured party was lying down with her back to the*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Ottubru, 2017 (Appell Numru: 72/2017)

*floor, her pants down to her knees and her breast exposed, having love bites on both her breasts indicating clearly that there had been physical contact between appellant and injured part. Therefore although falling short of actual penetration or carnal knowledge, as the law states, it is evident that appellant was in the throes of commencing the execution of the crime of rape which crime was not completed due to the resistance offered by the victim herself and the timely intervention of the police. For the above reasons therefore the Court cannot uphold this first grievance since as the First Court rightly points, even though Omissis might have been at first complacent to the attentions of appellant, however he should have immediately realised that upon the commencement of a degree of intimacy between them, she was not consenting to the sexual act and therefore he should have refrained immediately from carrying on further his sexual advances. However it seems that appellant was completely oblivious to Omissis's cries for help, which cries were clearly heard not only from the person filing the report but also even some time later when the police arrived on the scene and witnessed appellant about to commence the sexual act. Consequently this first grievance is being rejected.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Antonio Grech'**[9] inghad li:

*'Id-difett tal-argument hu li għandha ssir distinzjoni bejn l-espressjoni "bidu tal-konġunġiment", użata fl-art. 221 fuq ċitat, u l-espressjoni "bidu tal-eżekuzzjoni"; użata fl-art. 42. Hu paċifiku li kwantu għall-ewwel espressjoni, din tfisser li ma hemmx bżonn li jkun hemm il-konġunġiment komplet bl-introduzzjoni totali tal-asta virili fil-parti pudenda, imma hu biżżejjed li jkun hemm "penetration of the slightest kind" (ara Harris & Whilshere, Crim. Law, page 209). Minn dan hu ovvju li jista' jkun hemm attijiet li legalment jammontaw għal bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt, kif inhuma appuntu l-attijiet mil-lat fiżiku. L-attijiet li jikkostitwixxu bidu tal-eżekuzzjoni, għall-finijiet tat-tentattiv, huma dawk "univoċi", u l-attijiet materjali li ġew elenkati superjorment, kommessi mill-imputat, ma jurux ħaġ'oħra ħlief li hu pprova jikkonġunġi ruħu pederestikament ma' Cannatuci, u ma rnexxielux għax dan irreżista billi żamm magħfusin il-partijiet posterjuri. Dan il-grad ta' univoċita, għall-finijiet tat-tentattiv, jista' jiġi raġġunt, kif inhu raġġunt fil-każ preżenti, bla ma jeħtieġ li jkun hemm bidu tal-konġunġiment. Anki qabel ma s-soġġett attiv jasal għall-bidu tal-*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Gunju, 1955

*konġunġiment, l-attijiet tiegħu jistgħu jikkonfiguraw, bl-univoċita' tagħhom, il-bidu tal-eżekuzzjoni li jirradika t-tentattiv;'.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Raymond Aquilina) vs Nadia Boudina bint Abduwahed u Elmunia xebba Skewi mwielda Fes, Marokk fl-01 ta' Jannar 1983 u toqghod 98, Triq Frangisk Camilleri, Xaghra, Ghawdex u detentrici tal-karta ta'l-identita' Marokk bin-numru BK 330848 u Passaport Marokkin bin-numru R740057.'**[10] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal- Kapitolu 9 li jiddisponi illi:* ***"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati .... jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."***

*Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':*

1. *Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.*

2. *Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.*

3. *In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.*

*Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad- delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad- delitt.*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Jannar, 2010 (Numru: 467/2007)

*Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:*

***"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."***

*Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l- esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il- preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it- tentattiv ta'l-istess?*

*Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:*

***"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."***

*Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl- ismijiet Il-Pulizija vs Godfrey Ciangura deciza fl-10 ta' Gunju 2002 jinghad:*

*"Fuq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghal bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it-teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. ...*

*Fil-fatt, pero', il-qrati taghna, qatt ma intrabtu ma' xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista' tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta' il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista' aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-analizi tal-fatti li jkunu rrisultaw fl- isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm tentattiv milli billi jintrabat ma' xi teorija partikolari. Din il-linja ta' pratticita' giet proposta, fost ohrajn, mill-gurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:*

***Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l-insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecuttivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerente al reato, e' messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio delle'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e' "propria" di cisacun delitto della relattiva fattispecie e, quindi cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l'inizio e pone in essere l'atto esecutivo.'***

*Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n- nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l- intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Mohamed Muse Ali Mohamed Hasan Ibrahim'**[11] gie kkunsidrat li:

*'P.C. 829 Alan Dougall jghid li meta nizlu mill-karozza, P.S. 966 u P.S. 645 telqu jigru filwaqt illi hu dam ftti sekondi warajhom sakemm ghalaq il-karozza. Meta wasal fejn kien hemm it-tfajla gharwiena, kien hemm l-appellant Muse Ali gharkubbtejh bil-qalziet imnizzel sa l-irkobba u qalziet iehor minn taht u ma kien qiegehd jaghmel xejn. P.S. 645 qallu biex jimmannettja lil Muse Ali sakemm mar jghin lil P.S. 966 li kien telaq jigri wara l-appellant l-iehor.*

*Minn din ix-xiehda huwa evidenti li l-appellant Mohamed Hasan Ibrahim instab mill-pulizija in flagrante. Gie sottomess illi dan seta' kien qieghed "jithaxkem" fuq il- vittma minhabba s-sakra li kellu. Allura x'kien qieghed jaghmel biz-zipp imnizzel u bil-parti tieghu barra? U meta ra l-Pulizija ghaliex ipprova jahrab, u sahansitra pprova jahrab anke meta kien immanettjat? Kwantu ghall- appellant Mohamed Muse Ali huwa evidenti li dan kien lest*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 320/2010)

*biex jaghmel l-att sesswali. Kien diga` nizzel il-qalziet u kien ghadu biss bil-boxer shorts. Il-fatt li nizel fuq il- vittma meta harab l-appellant Ibrahim juri li kien proprju dak li kien qieghed jistenna, u l-fatt li nizel fuqha meta kienu diga` tfaccaw il-pulizija juri li ma kienx induna bihom u li mohhu kien biss f'dik it-tfajla. L-appellant Muse Ali jirreferi ghax-xiehda ta' P.C. 829 biex jipprova li huwa ma kien qieghed jaghmel xejn izda ma jghidx li P.C. 829 wasal wara z-zewg surgenti l-ohra u allura wara li P.S. 645 kien nehhieh minn fuq il-vittma. Hekk kif l-appellant Muse Ali ppozizzjona ruhu fuq il-vittma bejn saqajha, huwa beda l-esekuzzjoni tad-delitt ta' stupru u twaqqaf biss mill-Pulizija. U anke jekk f'dak il-mument ma lehaqx ikkommetta atti ta' vjolenza, minhabba l-istat tal-vittma l- attentat jitqies bhala wiehed vjolent mil-ligi stess (artikolu 201(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Pio Pisani V CHRISTOPHER ELLUL'**[12] gie kkunsidrat li:

*'L-imputat primarjament gie akkuzat bir-reat ta' stupru vjolenti kif koncepit fl-artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew alternattivament tat-tentattiv tieghu skond l-artikolu 41(1)(a) tal-istess kap.*

*Dan r-reat ta' stupru bil-vjolenza, u dan bhala kull delitt iehor, fih zewg elementi essenzjali, cioe l-element materjali u l-element intenzjonali, jigifieri fih dawn iz-zewg elementi li jridu jkunu jesiztu flimkien u fl-istess hin waqt li l-imputat allegatament kkommetta r-reat, ghaliex jekk ma jirrizultax element wiehed minnhom, allura ma hemmx r- reat.*

*Xi jfisser jew x'hinu stupru ?*

*Bhala definizzjoni generali tieghu, l-istupru huwa rape u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe fil-ghaqda ta' gisem ma gisem iehor. Stupru ghalhekk jfisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni tal-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, ma hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew kkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun hemm biss anke parti*

[12] Deciza fl-10 ta' Jannar, 2001

*minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz d-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-hymen u emissjoni ta' semen mhux elementi kostituttivi ta' dan r-reat.*

*It-tieni element essenzjali f'dan r-reat huwa dak intenzjonali u dan irid jissusisti ndipendentement jekk offrietx resiztenza jew le. Jigifieri li mhux bizzejjed li l-vittma ma jkollhix il-volonta, imma irid ikun hemm r- rezistenza taghha ghal dak l-att ta' stupru. Naturalment wiehed irid jara din r-rezistenza u x'setghet kienet minn ezami tac–cirkostanzi partikolari f'kull kaz fejn hu allegat li sar dan d-delitt. Ghalhekk f'kazijiet normali ta' stupru fejn l-vittma mhiex persuna minorenni sabiex tigi konsidrata x'tip ta' resiztenza setghet toffri l-vittma wiehed irid jikkonsidra certi cirkostanzi bhal per ezempju l-eta tal-vittma, l-istat fiziku taghha u affarijiet simili ohra.*

*Issa minn ezami tal-provi jirrizulta kemm mill-imputat kif wkoll mill-allegata vittma li penetrazzjoni ma kienx hemm mill-organi tal- imputat ghal oraganu tal-allegata vittma. Kull ma kien hemm kien tbaghbis bis-swaba li in vista ta' dak li ntqal aktar 'l fuq, ma jammontax ghar-reat in dezamina.*

*L-Avukat Generali ghogbu jaghti wkoll t-tentattiv f'dan r-reat.*

*Bir-rispett kollu pero l-Qorti ma thossx li kien hemm t-tentattiv lanqas, ghaliex fil-fatt l-imputat kien ghadu liebes bil-qalziet ta' taht meta l-Pulizija interveniet. X'kellu f'mohhu l-imputat il-Qorti ma tistax tkun taf u anke kieku kienet taf ma tistax tikkundannah ghall-intenzjoni biss ghaliex intenzjoni wahda ma tikkostitwix r-reat; hemm bzonn l-bidu tal- actus reus.*

*Il-Qorti ghalhekk ma thossx li din l-ewwel l-akkuza giet ppruvata fil-konfront tal-imputat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '***Il-Pulizija (Supretendent Martin Sammut) (Spettur Louise Calleja) vs ABDELSALAM M.N. HASSIN ta' 30 sena iben Mohammed Muri u Fathia Abdul Hamid, imwieled Zaliten, Libya fl-1980 u residenti gewwa l-Habs Civili ta' Kordin detentur ta' passaport Libjan bin- numru 249133'***[13]**:**

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Frar, 2010 (Numru: 1001/2008)

*'Illi l-vittma Denise Anne Agius fix-xhieda taghha taghti s- segwenti iter ta' kif sehhew il-fatti fil-mument li giet aggredita mill-imputat.*[14] *Is-sekwenza ta'l-atti maghmula mill-imputat kif tixhed Agius kienu is-segwenti:*

1. *L-ewwel l-imputat li kien miexi biswit Agius jaqsam ghal quddiemha.*
2. *Isabbatha ma'l-art*
3. *Jaghtiha daqqiet ta' ponn*
4. *Ikaxkarha*
5. *Jerga' jaghtiha daqqiet ta' ponn u jaghtiha bis-sieq*
6. *Hija tipprova tqum f'dana il-punt*
7. *L-imputat ikaxkarha mill-qalziet.*
8. *Hija terga taqa' lura*
9. *Inezzalha il-qalziet u il-qalziet ta' taht.*
10. *Hija terga' tipprova tqum*
11. *Jerga' inizzilha b'daqqiet ta' sieq.*
12. *Kif terga tipprova tqum Agius tinnota illi l-imputat kien nizzel il-qalziet tieghu.*
13. *Jerga' jaghtiha bil-ponn fuq wiccha.*

[14] Ara xhieda ta' Denise Anne Agius a fols 9 sa 54 tal-process (Din ir-referenza tinsab fit-tieni (2) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

14. *Issa jitla' fuqha.*

15. *Hi tipprova titla' il fuq.*

16. *Jaghtiha iktar daqqiet u tintilef minn sensieha.*

17. *Meta terga' tigi f'sensieha tarah qieghed jirranga hwejjgu, hija tqum u titlaq tigri.*

18. *Ghal xi hin tarah qed isegwieha.*

*Illi mill-provi mressqa permezz ta'l-ezamijiet medici maghmula mill-esperti tal-Qorti jirrizulta illi ma instab l- ebda likwidu seminali fuq l-oggetti elevati mill-ufficjali investigattivi u mill-vaginal swabs mehuda minn fuq il- vittma Denise Anne Agius. Illi l-esperta serologista Dr. Marisa Cassar fir-rapport taghha tghid: "Il-kampjuni gew ezaminati ghall-presenza ta' acid phosphatase sustanza li wiehed isib f'koncentrazzjoni qawwija fil-likwidu seminali.*

*Il-kampjuni analizzati kollha tghaw rizultat negattiv ghall- presenza ta' acid phosphatase." Dana ma ifissirx madanakollu illi ma kienx hemm xi forma ta' kongungiment karnali. Illi mill-ezamijiet medici li saru mill- esperta ginekologa Dr. Isabelle Saliba, kif ukoll mill-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri irrizulta illi fost id-diversi griehi li kellha Agius f'wiccha f'sidirha, f'daharha konsistenti f'abrazjonijiet u tbengil, hija kellha ukoll slieh fuq in-naha ta' barra tal-parti taghha.* ***"On examination of the vulva there was abrasion on the medial aspect of the right labia minora and at the introitus."***[15] *Dawn il- griehi kienu griehi friski u ghalhekk iwasslu lil dina l-Qort ghal konkluzjoni wahda u cioe' illi kien hemm bidu ta' konnessjoni karnali tant illi kien hemm slieh anke fuq il- vaginal orifice jew inkella 'l hekk imsejjha inroitus jew vaginal opening.*

*Illi ghalhekk meta wiehed iqabbel is-sekwenza tal-fatti kif esposti iktar 'il fuq u il-konkluzjonijiet medikolegali, l-Qorti hija tal-fehma illi:*

[15] Ara Dokument IS a fol.75 (Din ir-referenza tinsab fit-tielet (3) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

*1. L-imputat wera l-intenzjoni tieghu bic-car illi jkollu atti sesswali mal-vittma.*

*2. Kien hemm l-atti preparatorji u cioe' l-atti li wasslu lill-imputat imidd fl-art lil Agius sabiex jasal ghall-intenzjoni tieghu.*

*3. Il-bidu ta' l-ezekuzzjoni tad-delitt u dana meta l- imputat inezza il-hwejjeg tal-vittma, jinza il-hwejjeg tieghu, jitla' fuqha kif tixhed l-vittma u sussegwentment ikun hemm kuntatt karnali kif jixhdu ir-rapporti medici u dana kontra il-volonta tal-vittma.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'IL-PULIZIJA (SPETTUR JOSRIC MIFSUD) VS JOSEPH XERRI ta' 67 sena bin John u Catherine nee' Grima, imwieled Xewkija nhar il-11 ta' Mejju 1946, residenti fil-fond numru 10, Triq Santa Teodora, Xewkija u detentur tal-karta ta'l-identita' 42646(G)'**[16]

*'Illi maghdud dana kollu, madanakollu, l-Qorti hija tal- fehma illi l-imputat qatt ma jista' jinsab hati tar-reat tat- tentattiv ta' stupru. Dana ghaliex, kif gie spjegat iktar 'il fuq, ghalkemm l-imputat esprima ix-xewqa li ikollu avventura sesswali ma' Aquilina u wera dan b'atti esterni, madanakollu dawn qatt ma jistghu jikkostitwixxu il-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt ta' stupru. Il-fatt illi l-imputat qabad lil Aquilina minn taht sidirha ghannaqha mieghu, biesha fuq hugbejha u qalilha xi diskors suggestiv, certament ma humiex atti li jistghu jigu ikkunsidrati bhala tali li iwasslu ghal kummissjoni tar-reat ta'l-istupru li huwa l-kongungiment karnali bi vjolenza u kontra r-rieda tal- vittma. Dana certament ma giex ippruvat f'dana il-kaz u kwindi lanqas t-tentattiv ta'l-istess ma jista' jirnexxi billi l- ebda att maghmul mill-imputat ma jista' qatt remotament jikkostitwixxi il-bidu ta'l-esekuzzjoni tar-reat ta'l-istupru.'*

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti issa sejra tghaddi sabiex tikkunsidra jekk mill-atti jirrizultawx it-tlett

---

[16] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Settembru, 2013 (Numru: 51/2011)

elementi li jikkostitwixxu l-ewwel imputazzjoni u cioe' li l-intenzjoni tad-delinkwent tkun manifestata permezz ta' atti preparatorji, li jkun hemm il-bidu tal-ezekuzzjoni tad-delitt u li jigi ippruvat li ma kellux success fl-intenzjoni kriminuza tieghu minhabba xi haga indipendenti mill-volonta' tieghu.

L-Ewwel Qorti dwar dan ikkunsidrat li '*ma ghandhiex dubju dwar l-element intenzjonali u x'kellu f'mohhu li jaghmel l-imputat. Huwa ried li jkollu x'jaqsam ma Timea Toth. Izda l-element intenzjonali, wahdu, ma hux sufficjenti u allura issa l-Qorti trid tara l-fatti materjali li sehhew x'kienu ezattament, u fejn dawn iwasslu legalment*.' Il-parti leza ddiskriviet kif '*He was over me, opened the button and the zipper, I tried to fight and somewhere I turned around and tried to get away again on the ground. In the mean time he was grabbing my trouser and there is the point where my trouser was damaged actually.*' Spjegat li '*It was basically in two pieces, I continue screaming and tried to escape on the ground and then he grabbed me the underwear and tried to take it off.*' Hi tiddeskrivi kif waqt li kien fuqha l-imputat, hi pruvat tqum izda baqgha jimbuttaha lura u aggrediha f'diversi postijiet. Tghid ukoll li '*the only thing that I had on was my paints*.' Ghalhekk ma hemmx dubju li kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti l-imputat ried li x'jaqsam sesswalment mal-parti civile. Izda l-intenzjoni wahedha ma hijiex bizzejjed sabiex jissusisti dan ir-reat, ghalhekk jehtieg li ssir evalwazzjoni tal-atti materjali sabiex jigi determinat jekk kienx hemm l-bidu tal-ezekuzzjoni.

Illi kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti '*Il-fatti materjali jitkellmu wahedhom. L-imputat uza vjolenza biex propju jinnewtralizza lil Timea Toth, qattalha l-qalziet - waqt li hija kienet qed tirrezisti. Huwa rnexxielu jzommha. Xhin waslu fuq il-post l-erba persuni, li minhabba fihom, l-imputat harab minn fuq il-post, l-imputat ma kienx irnexxielu jnehhi l-qalziet ta' taht ta' Timea Toth u huwa fl-ebda hin ma kien nehha l-hwejjeg tieghu*.' Dwar il-kwistjoni jekk tnehhewx il-hwejjeg ta' taht, il-parti leza meta mistoqsija jekk nehhiliex l-*underwear* wiegbet '*At one point he grabbed it off but I managed to put it back*.' Filwaqt li meta mistoqsija '*Did the agressor remain fully clothed all the time*?' wiegeb '*Yes*'.' Spjegat ukoll li '*when I was hit by the aggressor and I lost consciousness after the whole that that I have just described. So I remember many things but at one point I lost my consciousness and*

*I remember being in the Ambulance.*' Minn naha l-ohra fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) li tinsab a fol 4 et sequitur, meta l-imputat gie mistoqsi '*Meta nehhejtilha l-qalziet rajthu l-panty taghha*?' wiegeb '*Iva minghalija kien ta' kulur abjad, ghandikun nehhejtulha wkoll l-panty, minghalijha nezzajtulha.*' Mistoqsi '*Il-qazliet tieghek nzajtu?*' wiegeb '*Minghalija le, ghandikun kulma nehhejt l-buttuna biss.*' Mistoqsi '*Il-parti tieghek hrigtha barra?*' wiegeb '*Nahseb li hrigtha m'ghandix idea, nsejt.*' Ghalhekk ghalkemm il-parti leza tghid li ma rnexxilux inehhilha l-qalziet ta' taht u li l-imputat baqa imlibbes, l-imputat minn naha l-ohra ghandu dubju dwar jekk nehhieliex il-qalziet ta' taht u jekk harigx il-parti genitali tieghu. Dr Marisa Cassar fir-relazzjoni taghha li tinsab a fol 70 et sequitur u mmarkata bhala Dok 5 sabet li l-kampjuni intimi ta' Timea Toth kollha taw rizultat negattiv ghall-prezenza ta' 'acid phsophatase'. Sabet ukoll li l-kampjuni intimi u l-hwejjeg ta' Timea Toth kollha taw riżultat posittiv ghall-prezenza ta' demm. Il-qmis ta' Jurgen Zahra ukoll tat rizultat posittiv ghall-prezenza ta' demm. Mill-qmis ta' Jurgen Zahra fejn il-qmis kienet pozittiva ghad-demm hareg profil genetiku mhallat li ma jistax jigi eskluz li hu ta' Jurgen Zahra u Timea Toth.

Dr Marisa Cassar fil-parti ddedikata ghal '*Likelihood Ratio (LR)- Tqabbil ta' żewġ ipotesti*' qieset:

'*$H_0$- Il-profil ġenetiku li ħareġ mill-qmis ta' Jurgen Zahra jaqbel mal-profil ġenetiku ta' Jurgen Zahra ID No. 360390M u Timea Toth.*

*$H_1$- Il-profil ġenetiku li ħareġ mill-qmis ta' Jurgen Zahra jaqbel mal-profil ġenetiku ta' Jurgen Zahra ID No. 360390M u persuna oħar fil-popolazzjoni li mhiex Timea Toth.*

…'

Dr Mario Scerri fir-relazzjoni tieghu fost kostatazzjonijiet ohra sab li:

'*kien hemm evidenza illi Toth kienet qeghdha timenstruwa waqt l-ezami;*

*Illi ma kienx hemm lezjonijiet firski fuq il- vulva jew il- vagina;*

*Illi ma kienx hmem lezjonijiet friski fl- introjtu, fil- hymen jew fis-cervix;*'

L-espert Dr Mario Scerri ikkonkluda ukoll '*Illi ma kienx hemm evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata izda kien hemm evidenza t' aggressjoni fuq **Timea Toth** u fuq **Jurgen Zahra**.*' Dr. Michelle Montanaro Gauci li xehdet fis-seduta tat-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjegat li '*Kellha xi griehi li kienu gja ezaminawhom it-tobba l-ohra, jiena ezaminajtha mill-att genekologiku, ezaminajtha minn barra u anki minn gewwa. Basically ma sibtilha xejn partikolari, fis-sens li ma kien hemm l-ebda sinjali ta' vjolenza, la fuq barra lanqas fuq gewwa, ma kienx hemm tbengil jew grief jew ticrit. Hi li kellha dak inhar minn gurnata qabel kienet bil-period allura kien hemm xi naqra bleeding tad-demm pero' dan id-demm kien gej mill-Lutru, mill-ghonq tal-Lutru, just sempliciment ghax kienet bil-period. Jigifieri as such ma rajtilha xejn, ma kienetx mara virgin, kienet mara ta' 24 sena, ma sibtilha xejn as such...*' Ikkonfermat li kellha feriti f'postijiet ohrajn imma mhux fejn ezaminatha hi.

Din il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi biex tissenjela l-atti prepatorji li lehaq ghamel l-imputat u jekk dawn humiex tali li huma kkunsidrati bhala l-bidu ta' ezekuzzjoni tad-delitt. Mix-xhieda tal-parti leza Timea Toth moghtija fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) jirrizulta li l-imputat kien vjolenti, ghalqilha halqa biex hi ma tajjatx, u zamma sodd, nizzilha mal-art b'mod sforzat, tela fuqha, tghid li '*opened the button and the zipper*', beda jaqbdilha l-qalziet u qattahulha, qabdilha l-qalziet ta' taht u prova jnehhih. Tghid li tiftakru fuqha umbghad intilfet minn sensija u sabet ruhha f'ambulanza. Minn naha tal-imputat fl-istqarrija rilaxxata minnu huwa jispjega li '*Ahna konna barra fit-triq, naf li umbghad naf li qbadtha minn vicin spallitha, u hi pruvat tahrab, umbghad f'hin minnhom tgerfixt u ma nafx xi bdejt nghamel, m'ghandix amment x'ghamilt. Umbghad hi rnexxielha tahrabli u jiena soqt ghal-warajha that il-pont ta' san Giljan, nzilt bil-karozza ghaliex hi bdiet tigri, umbghad jiena waqaft u nzilt mill-karozza, ergajt qbadtha, pruvajt innehhilha l-qalziet, bdejt nzommha, naf li waqghet mal-art umbghad naf li gew karozzi, m'ghandix idea min gie, u jiena hrabt minn hemm.*' Minghalih li l-qalziet ta' taht taghha kien kulur abjad u jghid li '*ghandikun nehhejtulha wkoll l-panty, minghalijha nezzajtulha.*' Mistoqsi jekk nezzghu l-qalziet tieghu wiegeb li '*Minghalija le, ghandikun kulma nehhejt l-buttuna biss.*' Mistoqsi jekk hareg ill-parti tieghu barra

wiegeb li '*Nahseb li hrigtha m'ghandix idea, nsejt.*' Mistoqsi jekk '*Tiftakarx jekk missejtx l-parti tieghek ma' taghha?*' wiegeb '*Xi hin konna mal-art fuq xulxin, imma ma hakkejtux l-parti tieghi ma' taghha.*' Mistoqsi '*Tiftakar x'missjetilha inti?*' wiegeb '*Ma bistiex, missejtilha sidirha b'idejha, ghandikun l-parti taghha ma missejtiex b'idejjha.*' Mill-istqarrija tal-imputat lanqas huwa car dak li l-imputat lehaq ghamel, dan probabilment rizultat tal-fatt li kien xorob xorb alkoholiku.

Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-Ewwel Qorti li l-imputat lehaq ghamel numru ta' atti preparatorji izda b'dak kollu li lelaq ghamel, l-imputat ma kienx ghadu ghamel att li bih kun ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt. Ghalhekk ghalkemm dak li beda jaghmel l-imputat gie sfrattat minhabba terzi persuni, din il-Qorti ma hijiex sodisfatta mill-provi li kien hemm il-bidu tal-ezekuzzjoni ta' dan ir-reat. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setghet legalment ma ssibx htija tal-ewwel (1) imputazzjoni. Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-appell imressaq mill-imputat Jurgen Zahra. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal għal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[17]:

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul*

[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

*mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[18]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [19]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[20]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[21]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-paġna)

Il-Qorti f'dik is-sentenza, kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[22] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawza kif citata fl-appell citat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna):-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[23]).

---

[18] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;

[19] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar 1989;

[20] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;

[21] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;

[22] [1969] 1 QB 276

[23] (1991) , p. 1392

(Referenza tal-kawza miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Ikkunsidrat;

Dwar it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u cioe' dwar l-arrest u s-sekwestru tal-imputat fuq il-persuna tal-parti civile, l-imputat jissottometti li minn qari akkurata tad-disposizzjoniji tal-ligi jirrizulta li l-element tar-reat ta' arrest illegali huma tnejn. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jrid isir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. Jissottometti li l-ewwel element ta' sekwestru jinkludi t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra, li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma 'sekwestru' f'dan il-kuntest. Jissottometti li ghalkemm l-imputat kif ukoll l-allegata vitma xehdu li kien l-imputat li waqqafha hdejn il-mina ta' San Giljan, dan ma jikkostitwix fis-sekwestru tal-istess parti civile. Timea Toth stess qalet li meta l-aggressur qabdilha jdejha hija telqet minn fuq il-post u rritornat lura biss ghaliex iddecidiet hi stess li terga' tmur lura sabiex tara issibx in-nuccali. Element iehor huwa li persuna irid ikun jittiehed fil-post kontra l-volonta tieghu. Jissottometti li mid-definizzjoni ta' arrest illegali johrog car li dan ir-reat huwa ben distint u ghandu element differenti mir-reat ta' stupru vjolenti fuq il-persuna. L-imputat jirrileva li tenut kont tad-definizzjoni tar-reat tal-arrest illegali u tax-xhieda moghtija mill-parte civile, ir-reat tal-arrest illegali ma jissustix fil-kaz odjern. Il-parti civile ma ttihditx fil-post tal-allegat incident kontra l-volonta' taghha u dan stante li hi kienet filfatt miexja go mina fl-erbgha ta' filghodu wahedha wara lejl tixrob u tiddeverti Paceville.

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-tieni imputazzjoni li taqra '*bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, cioe lil Timea Toth, kontra l-volonta' taghha, u dan biex toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha,*'.

L-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:*
*Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) vs DAVID CARUANA SMITH'</u>**[24] gie kkunsidrat li:

'*L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi fil-fehma tal-Qorti t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f' dan r-reat kif donnu ried ifhiem l-avukat difensur lil din il-Qorti.*

*Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu u taghha u dan huwa t-tifsir tal- kelma "sekwestru" f' dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatur tas-Sub Titolu 1 tal-artikolu III tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta li tahtu jaqa' dan l-artikolu - l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika jindika li taht dan l-Kap jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita' ma jkunx punibbli.*

*Il-gurista Taljan* ***Maino*** *fil-ktieb tieghu* ***Commento al Codice Penale*** *jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal l- artikolu 86 taghna a fol. 112 paragrafu 788 Vol II billi jghid:-*

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

***Antolisei*** *fil-ktieb tieghu* ***Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134*** *jghid:-*

[24] Deciza fid-19 ta' Mejju, 2014 (Numru: 446/2008)

*"Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

*Fil-fatt* ***La Corte di Cassazzione*** *tal-Italja b'Sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar, 1961 ipprecizat:-*

*"Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace."*

*Element importanti ghall-ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Andrew Bonnici, huwa li bniedem irid jkun jittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Therese Sciberras) versus Ronald Cutajar u Adrian Axiaq'**[25]

*'32. Għalhekk jekk jibqa' biss it-tieni imputazzjoni – dik ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru illegali. Mill-atti jirriżulta li l-allegata vittma ma setgħetx toħroġ mill- karozza kontra l-volonta' tagħha u jirriżulta wkoll li damet f'dan l-istat mhux ħażin. L-imputati ma kellhom ebda jedd iżommuha kontra l-volonta' tagħha u l-iskop kien dak li jidher fis-sub-paragrafu (g) tal-ewwel paragrafu tal- artijkolu 87.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Andrew Bonnici'**[26] gie kkunsidrat li:

*'ma kienx hemm arrest, detenzjoni jew sekwestru illegali fl-ewwel lok. Mill-provi jirriżulta li t-tifel mar minn rajh ma' l-appellant fid-dar (deskritta bħala "d-dar bit-twieqi blu"). ghalkemm ċertament ukoll indott mil-lussurju għall-kotba li kien għadu kif urieh l-appellant. Huma telgħu fuq, fejn imbagħad sar dak li sar. F'ebda ħin, pero', ma jista' jingħad li t-tifel kien f'dak il-post kontra l-volonta' tiegħu, element essenzjali għar-reat in diżamina. Huwa*

[25] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Lulju, 2009 (Numru: 726/1999)

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-23 ta' Jannar, 1998

*veru li kif appena daħlu ġewwa d-dar, l-appellant għamel kantun fuq ġewwa tal-bieb li altrimenti ma kienx jissakkar. Pero' dan jidher li għamlu mhux biex iżomm lit-tifel ġewwa iżda, bħall-kartun li għamel ma' l-aperturi tal-gallerija biex ħadd ma jkun jista' jidħol fuqhom u jara dak li kien qed isir hemm ġew. Għalkemm it-tifel jgħid li meta f'ħin minnhom l-appellant qallu biex jagħmel xi ħaġa hu (jiġifieri t-tifel) beża iżda xorta għamel dak li qallu għax ra l-bieb magħluq bil-kantun, f'ebda ħin ma jirriżulta li t-tifel fisser lill-appellant li hu ried jitlaq minn hemm u l-appellant, b'xi mod jew ieħor, ma ħalliex;*'

Fis-sentenza fl-ismijiet '**The Police Inspector Elton Taliana Vs Ahmed Rasem A. Franka**'[27] gie kkunsidrat:

'*As already stated it is undoubted that injured party was held against her will by appellant so that she had no means of escape although it is evident that she tried to resist her 'confinement'. Professor Mamo has this to say on this offence in his notes on Criminal Law:*

*"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*'

Ikkunsidrat;

Kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata l-imputat '*rnexxielu jinnewtralizzaha u jzommha, anki jekk ghal ftit hin u hija ma setghetx tahrab mill-hakna tieghu.*' Hija spjegat li '*I started to walk faster because I was concern by the car slowing down and didn't look at the car. At one point the car stopped drive next to me and the driver was talking to me and asked something and I did not understand. I had just a quick look at the person and then carry on walking out of the tunnel. Since the car came from the opposite*

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Ottubru, 2017 (Appell numru: 72/2017)

*direction, when I started walking away the car started to reverse and then he stopped and get out of the car and he was approaching me. He grabbed my hand and then I saw his face and tried to get away. I managed to get away after I was holding and then when I was free I started to run away. I ran out of the tunnel.'* Spjegat li '*I ran out of the tunnel and turned right and there is the playground, Naxxar, I stopped at the corner taking some breath and I was happy that I escaped and I was crying and then I noticed that I left my glasses. I was waiting there and taking a deep breath and then I noticed that at the other side of the road a car stopped. He left the car open and he left the lights on. Since I have no glasses and I couldn't see and I was crying for someone to help me maybe. Then he grabbed me again from behind and heholds my mouth to avoid screaming and he was holding me very tied and I couldn't move because he was very powerful. I tried to scream at one point and I couldn't manage to scream and I tried to fight back. At one point before this, he was holding me from the back and at one point I manage to turn around and I could see his face again. He was holding me very strongly and started to beat me badly.'* Ghalhekk minn dan ir-rakkont ma jirrizultax dak li jissottometti l-imputat fl-appell tieghu u cioe' li l-parti leza irritornat ghax iddecidiet hi stess li terga' tmur lura sabiex tara issibx in-nuccali izda kien l-imputat li rega lahaqha. Fost dettalji ohra spjegat li '*Then somehow he was over me again and I tried to get up from the ground and he continue to push me back and grabbed my head and putting my head to the floor many times. I was beaten everywhere the chest, the head, everywhere.'* In kontro-ezami kienet mistoqsija ukoll '*When he grabbed you from the back, was at that time when he kept you arrested*?' u wiegbet fl-affermattiv. L-imputat fl-istqarrija rilaxxata minnu spjega li '*Ahna konna barra fit-triq, naf li umbghad naf li qbadtha minn vicin spallitha, u hi pruvat tahrab, umbghad f'hin minnhom tgerfixt u ma nafx xi bdejt nghamel, m'ghandix amment x'ghamilt. Umbghad hi rnexxielha tahrabli u jiena soqt ghal-warajha that il-pont ta' san Giljan, nzilt bil-karozza ghaliex hi bdiet tigri, umbghad jiena waqaft u nzilt mill-karozza, ergajt qbadtha, pruvajt innehhilha l-qalziet, bdejt nzommha, naf li waqghet mal-art umbghad naf li gew karozzi, m'ghandix idea min gie, u jiena hrabt minn hemm.'*

Ma hemm l-ebda dubju li l-Ewwel Qorti kienet legalment u ragonevolment korretta meta sabet lill-imputat hati ta' din it-tieni imputazzjoni. Jirrizulta ampjament pruvat li l-parti leza ghalkemm pruvat tirrezisti u pruvat kemm il-darba tahrab mill-hakma

tal-imputat, ma rnexxiliex u ghalhekk kienet '*arrestata*' u cioe' kienet imcahhda mill-liberta' ai fini ta' dak li tehtieg il-ligi biex tissusisti din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-imputat appellant jissottometti ukoll fl-appell tieghu li l-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi taghha kabret kemmxejn il-kaz stante li qalet li f'dan l-allegat incident l-imputat '*infexx fi swat vjolenti*' fuq il-persuna ta' Timea Toth. Skont l-imputat dan kollu huwa amplifikat u mkabbar stante li Toth kull ma garbet kien grieh hfief. Jissottometti li li t-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjonijiet jirrelataw mal-pudur, li mill-provi ma jirrizulta minn imkien li xi hadd kellu xi parti genitali tieghu esposta jew li kien hemm xi kuntatt maghha mill-parti l-ohra. Jissottometti li kull ma jirrizulta li Toth tqattalha l-qalziet taghha u li fl-ebda hin ma kiexef il-parti tieghu u lanqas miss il-parti taghha.

Din il-Qorti fl-ewwel lok taghmilha cara li ma taqbilx mal-imputat li l-Ewwel Qorti kabret il-kaz. Il-fatt li l-parti leza giet aggredita huwa evidenti mir-ritratti li jinsabu fir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri.

L-imputat permezz tat-tielet imputazzjoni gie akkuzat li '*Bi vjolenza ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta*' *Timea Toth;*'. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs JOSEPH XERRI ta' 67 sena bin John u Catherine nee' Grima, imwieled Xewkija nhar il-11 ta' Mejju 1946, residenti fil-fond numru 10, Triq Santa Teodora, Xewkija u detentur tal-karta ta'l-identita' 42646(G)'**:

'*Illi l-imputat qed jigi addebitat bir-reat ikkontemplat fl- artikolu 207 tal-Kapitolu 9 u cioe' tal-attentat vjolenti ghal pudur. Illi l-element kostituttiv ta' dana ir-reat huwa l- volonta' ta'tnejn minn nies iridu ikunu opposti kif jirrikjedi il-Carrara fid-definizzjoni li huwa jaghti ta' dak li jikkostitwixxi l-attentat vjolenti ghal pudur. Difatti f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl- ismijiet Il-Pulizija vs Gerald Cassar (deciza fit-18 ta' Lulju 1959) gie deciz:*

*"L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)"*

*"Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato."*

*Illi ma hemmx dubbju illi l-atti kommessi mill-imputat jikkostitwixxu dana ir-reat u dana ghaliex l-volonta ta' Elizabeth Aquilina kienet opposta ghal dak li ried u xtaq l- imputat. Hija issostni illi ma kienetx qed tiehu pjacir bl- avvanzi ta' zijuha u ghalhekk telqghet tigri 'il barra. Tant hu hekk illi sabet lill-gharus taghha u qaltlu immedjatament b'dak li kien sehh, izda dan qajla emminha. Illi kif diga inghad l-imputat qabad lil Aquilina minn taht sidirha, rassha mieghu u anke biesha fuq hugbejha u dana mhux b'xi sinjal ta' affezzjoni izda bi skop zieni. Illi ghalkemm l-imputat jichad li mess lin- neputija tieghu, izda kif gie puntwalizzat u spjegat iktar 'il fuq il-Qorti ma temmnux u taghti iktar pis lil dak li tixhed Aquilina li fl-ebda mument ma cediet u ma irtirat dak li kienet allegat fuq zijuha ghalkemm tghid li haffritlu. Dana certament jammonta ghal dak li jirrikjedi il-ligi ghal kummissjoni ta' dana ir-reat bl-aggravvju ikkontemplat l- artikolu 202(h)(v) billi l-vittma f'dana il-kaz kienet tirrisjedi ma'l-imputat.'*

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li '*Permezz ta' tali vjolenza huwa rnexxielu jgieghelha taghmel affarijiet kontra l-volonta' taghha - effettivament huwa assoggettahha ghal tbaghbis ma sidirha; u b'dak kollu li ghamel in segwitu ghal din l-aggressjoni fuq Timea Toth, l-imputat gie li ghamel attentat vjolenti fuq il-persuna taghha u definittivament offendielha l-pudur b'ghemil li sar f'post pubbliku.*' Illi ma hemmx dubju li bl-atti li l-imputat lehaq ghamel huwa ghamel attentat vjolent fuq il-pudur tal-parti leza. Jirrizulta li mhux biss skont dak li xehdet l-parti leza prova jnezza l-qalziet ta' taht taghha izda anke mess sidiriha. Ghalkemm ma jirrizultax jekk mess sidirha minn fuq jew taht il-flokk, dan xorta wahda jammonta ghal attentat vjolent fuq il-pudur taghha. L-istess jinghad dwar il-fatt li prova jnehhi l-qalziet ta' taht taghha kontra l-volonta' tal-parti leza. Kif xehdet il-parti leza '*When I was attacked near the playground, he kept me very close and it was very intimate.*'

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta f'li ssib lill-imputat hati ta' din it-tielet (3) imputazzjoni. L-Ewwel Qorti korrettament ukoll sabet htija tar-raba' (4) imputazzjoi u cioe' dik li '*Uza vjolenza sabiex igieghel lill-istess Timea Toth taghmel xi haga kontra l-volonta' taghha;*' Huwa evidenti li l-akkuzat uza vjolenza sabiex jaghmel dak li xtaq li jaghmel hu, li kien certament kontra l-volonta tal-parti leza tant li pruvat minn kollox biex tirrezisti l-attakk.

Ikkunsidrat;

Dwar is-sitt (6) imputazzjoni u cioe' li '*Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku*', l-imputat jissottometti li lanqas jista' jinstab hati tas-sitt (6) imputazzjoni u dan tenut kont tal-fatt illi sabiex wiehed joffendi l-pudur f'post pubbliku, l-ewwel nett irid jaghmel atti fil-pubbliku. Jissottometti li l-ebda parti intima ma giet espost ghall-publiku u lanqas saru xi atti intimi gol pubbliku lanqas. Kif gia inghad jirrizulta li l-imputat mess sider il-parti leza, jirrizulta ukoll li qattalha l-qalziet u prova jnezzalha l-qazliet ta' taht u li l-parti leza tellghet il-qalziet ta' taht lura. Sussegwentement ma tiftakarx x'gara l-parti leza. Minn naha l-ohra mill-istqarrija tal-imputat jikkonferma li mess sider l-parti leza. Anke jekk din il-Qorti kellha tiskarta l-parti fejn l-imputat fl-istqarrija tieghu jghid li jahseb li hareg il-parti tieghu izda li ma ghandux idea u fejn  jaghti x'jifhem li kien anke nezza l-qalziet ta' taht tal-parti leza, mill-fatt biss mix-xhieda tal-parti leza fejn jirrizulta li huwa mess sider l-parti leza u li prova jnehhilha l-qalziet ta' taht, huwa evidenti  li offenda l-pudur jew il-morali. Ma hemmx dubju li dawn l-atti saru f'post pubbliku, tant li kien minhabba l-intervent ta' terzi persuni li kienu ghaddejin bil-karozza li l-imputat ma baqax ghaddej b'dawn l-atti.  Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija ta' din is-sitt (6) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi il-hames (5) imputazzjoni tirrigwarda li l-imputat ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Timea Toth. Dwar din, l-imputat fl-appell tieghu jissottometti li ma

saritx l-ahjar prova mill-prosekuzzjoni stante li lanqas gie ezebit ic-certifikat mediku li jindika li l-parte civile soffriet griehi hfief dakinhar tal-allegat incident u li ghalkemm xehed Dr Mario Scerri, il-Prosekuzzjoni naqset milli tharrek it-tabib li ezamina lil Toth gewwa l-emergenza sabiex jikkonferma tali certifikat mill-gurament. Jghid li din il-prova jehtieg li ssir l-ahjar wahda. Mhux talli c-certifikat mediku ma giex ikkonfermat bil-gurament, tallil anqas biss gie pprezentat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs JOSEPH MUSCAT (I.D.265257M)</u>**[28]' gie kkunsidrat li:

*'Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.'*

Illi kif tajjeb issottometta l-imputat, baqa' ma giex prezentat certifikat mediku li jikkonferma l-griehi li soffriet l-parti leza u lanqas tabib li setgha rrilaxxa certifikat mediku ma xehed dwar il-griehi sofferti mill-parti leza. Jirrizulta izda li l-espert mediku Dr Mario Scerri xehed u prezenta r-relazzjoni tieghu. Dan l-espert mhux biss iddeskriva l-feriti li sab fuq il-parti leza izda anke ddokumentahom permezz ta' ritratti. Ghalkemm huwa ma indikax jekk dawn kienux ta' natura hafifa jew ta' natura gravi, huwa evidenti mir-ritratti fl-istess relazzjoni u mill-konkluzjonijiet tal-espert li l-parti leza sofriet griehi. Ix-xhieda u r-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri tikkostitwixxi l-ahjar prova. F'din ir-relazzjoni, l-espert jiddeskrivi l-abrazjonijiet

[28] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April, 2017 (Kump Numru: 455/13)

kompatibli ma grif u dbendgil kompattibli ma' blunt trauma . Ghalhekk ghalkemm ma giexipprezentat certifikat mediku bhal kif lanqas ma tela jixhed it-tabib li setgha invistaha fis-sezzjoni tal-emergenza, gie sufficentement ippruvat li l-parti leza sofriet griehi hfief. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta li sabet lill-imputat hati tal-hames (5) imputazzjoni.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-aggravju imressaq mill-imputat.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex tikkunsidra l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti kkundannat lil imputat piena ta' prigunerija ta' tmintax-il (18) xahar u multa ta' elf, mija u hamsin ewro (€1150). Ordnat ukoll lil hati ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti.

L-imputat jissottometti li l-piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija hija wahda sroporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi. Jissottometti li l-Qorti naqset milli taghmel apprezzament tal-provi xieraq meta giet sabiex tikkunsidra dwar il-piena, ikkunsidrat biss li r-reati ta' dan it-tip ma ghandhomx ikunu accettati. Jghid li naqset milli tikkunsidra punt importanti hafna u cioe' li l-imputat ma ghandu l-ebda tip ta' problemi mal-gustizzja. Jissottometti li l-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija hija piena eccessiva fil-konfront tieghu. Jissottometti li l-piena ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. L-imputat jaghmel referenza ghal kazistika u jissottometti li ghandu impjieg stabli stante li jahdem fil-qasam tal-kostruzzjoni u fl-eventwalita' li jkun karcerat, hu mhux talli ser jispicca f'ambjent li ma hux maqtugh ghalih, talli ser jippregudika x-xoghol tieghu ghaliex ser jitlef ix-xoghol tieghu. Jghid ukoll li ghandu eta' zghira u li meta sehh l-allegat kaz kellu biss ghoxrin (20) sena.

Din il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti rigwardanti l-piena u tal-fatt li persuna innocenti ghal xejn b'xejn giet attakkata biex tissokombi ghal atti sesswali. L-agir tal-imputat huwa kkundabbli u ma ghandux jigi tollerat f'socjeta' civili. Dan l-

incident certament halla impatt negattiv fuq il-hajja ta' Timea Toth bhal kif halla impatt negattiv fuq pajjizna, tant li wara l-incident il-parti leza riedet titlaq minn Malta kemm jista' jkun malajr.

Din il-Qorti ma tistax ma temfassizax li r-reati li l-imputat instab hati taghhom huma serjissimi. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-hati ta' reati kif migjuba kontra l-imputat ikun jimmerita piena li tkun ta' deterrent bhal ma hi piena ta' prigunerija. Skont l-ahhar fedina penali pprezentata, ghalkemm meta sehhew dawn ir-reati mertu ta' dawn il-proceduri, l-imputat kellu fedina penali netta, l-imputat kien sussegwentment misjub hati f'tlett okkazzjonijiet u dan dwar reati relatati ma' sewqan bla polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni, li saq minghajr licenza u fejn ikkaguna hsara ghad-dannu ta' persuna minhabba s-sewqan. Jirrizulta li instab hati ukoll ta' reat iehor relatat mas-sewqan fosthom minhabba hsejjes zejda, fejn kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u storbju kif ukoll ta kliem fahxi. Filwaqt li kien sussegwentment rega instab hati ta' reati relatati ma' sewqan ta' vettura bla licenzja jew li uza jew gelgh jew halla persuna tuza vettura minghajr polza tal-asisgurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Filwaqt li din il-Qorti taqbel li ftit li xejn jiswa li l-imputat kellu kondotta nadifa u li kien taht l-influwenza tal-alkohol, din il-Qorti ma tistax ma tqies l-eta' zghira li kellu l-imputat u cioe' li kellu madwar ghoxrin (20) sena meta sehhew dawn ir-reati. Din il-Qorti sejra taghti cans wiehed biss lill-imputat sabiex ma jergax jirrepeti la r-reati li taghhom qieghed jinstab hati li kif gia inghad huma serjissimi u lanqas ta' reati ohrajn u ghalhekk sejra tissospendi l-perjodu ta' tmintax (18) -il xahar prigunerija ghal perjodu ta' erba' (4) snin. Din il-Qorti sejra ukoll tpoggi lil imputat taht Ordni ta' Supervizjoni u dan sabiex jigi accertat li l-imputat jimxi fit-triq it-tajba. Minn naha l-ohra, din il-Qorti sejra tikkonferma l-multa imposta mill-Ewwel Qorti kif ukoll l-ordni ghal hlas tal-ispejjez tal-esperti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-appell tal-Avukat Generali u tilqa' limitatament l-appell tal-imputat, qieghda tikkonferma s-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-htija kif ukoll l-imposizzjoni ta' multa ta' elf,

mija u hamsin ewro (€1150) kif ukoll l-ordni lil imputat sabiex ihallas lir-registratur tal-Qorti s-somma ta' mija, ghaxar ewro u tlieta u hamsin centezmu (€110.53) rapprezentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' WPS 63 Janet Zammit, is-somma ta' erba' mija u tlieta u hamsin ewro u erbgha u sittin centezmu (€453.64) rapprezentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' Dr Mario Scerri, sebghin ewro u hamsin centezmu (€70.50) rapprezentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' Brian Avellino u l-ammont ta' elf u ghaxar ewro u sebgha u sittin centezmu (€1010.67) rapprezentati l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' Dr Marisa Cassar.

Din il-Qorti qieghda tirrevoka fejn il-Qorti ordnat il-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija effettiva u qieghda minflokk tordna prigunerija ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

In oltre' sejra *ai termini* tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba l-gravita' tal-kaz, tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti tordna li tul dan il-perjodu ta' tlett (3) snin, l-imputat Jurgen Zahra bin-numru tal-karta tal-identita' 360390(M) residenti Flat 3, Qasam Hal Tmiem, Blokk L, Zejtun ghandu josserva rigorozament is-segwenti kundizzjonijiet, u cioe':

1. li l-imputat matul dan il-perjodu ta' supervizjoni ta' tlett (3) snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficcjal ta' Supervizzjoni, inkluz kull direttivi li l-Ufficcjal ta' Supervizjoni jhoss li jkunu necessarji;

2. li l-imputat jibqa' jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Ufficcjal ta' Supervizjoni skond id-direttivi li dan itih minn zmien ghal zmien u partikolarment, jekk l-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;

3. li l-imputat minnufih jgharraf lil Ufficcjal ta' Supervizjoni b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;

4. li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Ufficcjal ta' Supervizjoni

darba fis-sena fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Ufficcjal ta′ Supervizzjoni bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.

Il-Qorti tordna li kopja ta′ din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan u li tinghata kopja ta′ din is-sentenza lill-istess appellant sabiex ikun jaf il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Supervizjoni tieghu.

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita′ tieghu u x′jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta′ erba' (4) snin.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur